**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta' Diċembru, 2018

Rikors Guramentat numru : 312/10 AL

**C B D**

**vs**

**A B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti izzewwgu fit-23 ta' Gunju, 1984 f'Malta, kif jirrizulta mic-certifikat relattiv li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala "Dok. IMT 1", u minn dan iz-zwieg kellhom zewg ulied, senjatament F, li llum ghandha wiehed u ghoxrin (21) sena u dunque hija maggiorenni izda ghadha tistudja u E li ghandu sittax (16) –il sena u dunque ghadu minorenni;
2. Illi l-hajja konjugali tal-kontendenti tkissret irrimedjabilment minhabba eccessi, sevizzi, ingurji gravi,

vjolenza psikologika u dan oltre l-fatt illi l-intimat irrenda ruhu hati ta' adulterju flagranti ma' certu G, mara mizzewga illi l-intimat iltaqa' maghha fuq il-post tax-xoghol;

3. Illi kull tenttativ illi sar mill-esponenti sabiex jintlahaq ftehim ghal separazzjoni konsenswali falla minhabba l-intransigenza da parti tal-intimat zewgha;
4. Illi l-esponenti giet debitament awtorizzata tipprocedi permezz ta' din il-kawza ghal separazzjoni personali permezz ta' digriet moghti minn din l-Qorti datat 9 ta' Lulju, 2010 u li vera kopja tieghu tinsab hawn annessa u mmarkta bhala "Dok. IMT 2";
5. Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment;

Talbet ghar-ragunijiet premessi, li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti *ad mensa et thoro* ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-intimat;
2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Damian Lee unikament f'idejn l-esponenti;
3. Tiddikjara u tordna li l-intimat huwa obbligat imantni (a) lill-ibnu minuri u (b) lil bintu li ghalkemm hija maggiorenni, ghadha tistudja u dunque ghandha il-bzonn ta' ghajnuna finanzjarja u konsegwenzjalment tiffissa dik ir-retta alimentarja u l-modalita` tal-hlas li r-rikorrenti jkun hekk ordnat ihallas;
4. Tiffissa l-jiem, il-hinijiet u l-modalitajiet tal-access li ghalih ghandu jkun intitolat l-intimat;
5. Tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;
6. Tillikwida l-assi u d-djun tal-istess komunjoni tal-akkwisti li ghandha tinqasam f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali b'tali mod illi jekk jirrizulta li hua l-kaz, ir-rikorrenti jitlef il-jedd tieghu ghal nofs l-akkwistsi illi kemm qabel u kif ukoll waqt iz-zwieg saru l-aktar bil-hidma u hlas tal-esponenti,occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, kif ukoll bin-nomina ta'

Nutar sabiex jippubblika l-att relattiv u bin-nomina ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

7. Tiddeciedi u tiddikjara liema proprjeta hija parafernali tal-kontendenti, jekk ikun il-kaz, u per konsegwenza teskludiha mill-assi formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti;
8. Tapplika kontra l-konvenut, interament jew in parti l-effetti kontemplati fl-artikoli 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
9. Tiddikjara u tordna li l-intimat ikun obbligat imantni lill-esponenti martu u konsegwenzjalment tiffissa dik ir-retta alimentarja u modalita` tal-hlas li l-intimat ikun hekk ordnat ihallas u dan salv ghal kull provvediment iehor li din l-Qorti jidrilha xieraq u opportuni fic-cirkostanzi.

Rat l-lista tax-xhieda tal-attriċi.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li permezz taghha kkonferma (fol. 23) :

1. Dwar l-ewwel paragrafu tar-rikors tal-attrici, l-esponenti ighid illi l-fatti huma dawk kif dikjarati fl-istess paragrafu.

2. Dwar it-tieni paragrafu tar-rikors, l-esponenti filwaqt illi jaghmel riferenza ghar-rikors guramentat tieghu (bin-numru 268/10 AF) li permezz tieghu huwa qieghed jipprocedi ghas-separazzjoni legali mill-attrici ghar-ragunijiet dedotti f'dak ir-rikors, ighid illi ser ikun jista` jigi pruvat li :

   a) **<u>Kienet l-attrici li rrendiet il-hajja taz-zwieg impossibbli</u>** billi ghal numru ta' snin kienet tikkomporta ruhha b'mod kompletament "self centred" li ma kienx kompatibbli mar-rispett reciproku bejn il-konjugi, tiddisprezza lill-esponent u tirrendih il-portatur tas-salarju tieghu u ta' flejjes u gid li kellu sahansitra sa minn qabel iz-zwieg,

amministrabbli kif jidhrilha u kif tiddeciedi hi, u tizgura li jew tghaddi taghha inkella tifferocja;

b) meta l-esponent gie fi stat li ma felahx ikompli jghix f'tip ta' hajja fejn ghar-ragunijiet imfissra kif gie rez "non entita", u infatti **<u>beda l-process debitu ta' medjazzjoni,</u>** l-attrici esternat bla riservi l-karattru u l-ferocju taghha, billi anke bdiet tixli lill-esponent b'adulterju kif fil-fatt qeghda taghmel fl-istanza odjerna, u dan meta kif ser jirrizulta ma hemm verita` ta' xejn f'dan l-addebitu li huwa biss **<u>ingurja gravi</u>** ohra da parti tal-attrici.

3. Dwar it-tielet paragrafu tar-rikors, jinghat illi hawnhekk ukoll l-attrici m'jijiex qed tghid il-verita`.

Fil-kors ta' medjazzjoni twila li kif inghat inbdiet mill-esponenti, u allura l-attrici kienet diversament patrocinata, sar kull tentattiv da parti tal-esponenti biex minkejja kollox jara kif isehh ftehim ghas-separazzjoni bejn u bejn l-attrici sahansitra billi ma jinsistix li jiehu lura certu gid parafernali tieghu. Fil-gbir tar-rizultanzi l-esponenti ikun jista` jipprezenta abbozz wara l-iehor ta' minuta ta' separazzjoni li thejja biex l-esponent ma jispiccax kostrett illi jipprocedi b'kawza.

Sadanittant l-attrici mhux biss kompliet tirrendi impossibbli kull xorta ta' ftehim, izda **<u>avvelenat</u>** sistematikament lil ulied il-partijiet **<u>billi dahhlitilhom f'rashom illi missierhom abbanduna l-familja minhabba mara ohra.</u>**

L-attrici, filwaqt illi qed titlob fir-rikors taghha bla ebda misthija (**<u>ir-raba` talba</u>**) illi din l-Qorti joghgobha tiffissa l-modalitajiet tal-access ghaf-favur tal-esponent ghal ibnu E li ghandu sittax (16) –il sena, taf aktar minn kulhadd illi binha ilu zmien twil li qata` kull xorta ta' **<u>komunikazzjoni</u>** ma' missieru.

4. Illi mbaghad, riferibbilment **<u>ghas-sitt talba</u>** tal-attrici rigwardanzi l-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti, ikompli jispikka l-atteggjament taghha fejn, testwalment, qed titlob illi l-esponent "jitlef il-jedd tieghu **<u>ghal nofs l-akkwisti kemm qabel u kif ukoll waqt iz-zwieg"</u>**, bhallikieku

huwa immaginabbli legalment illi "qabel iz-zwieg" wiehed jista` jikkoncepixxi l-komunjoni tal-akkwisti.

Bhala fatt irid jirrizulta li kull ma ghandhom il-partijiet jipprovjeni sew bis-sahha tal-gid parafernali tal-esponent kif ukoll bil-hidma tieghu fil-kors taz-zwieg.

5. Illi riferibbilment **ghad-disa` talba** tal-attrici, li zdiedet wara li l-istess attrici ressqet rikors ili fih allegat **"zvista"** u n-nuqqas tal-esponent li **jhallasha l-manteniment**, rikors li l-esponent ma kellu l-ebda idea tieghu billi qatt ma gie notifikat bih, jinghad li :
   a) Ghal darb' ohra aktar minn kulhadd, l-attrici taf illi **dejjem thallset** il-manteniment pagabbli skont digriet ta' din l-Qorti, pero` ma jimpurtahiex li tghid dak li m'huwiex sewwa;
   b) L-attrici hi kapaci li tahdem, u legalment hi tenuta li taghmel il-kontribut taghha kif inhu l-istat tal-ligi emendata sa mill-1993, oltre li ma jisthoqqilha l-ebda manteniment kwalsiasi ghar-ragunijiet kollha suesposti.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat illi din il-kawża mxiet flimkien mal-kawża fl-ismijiet inversi bir-rikors ġuramentat innumerat 268/10AL;

Rat l-affidavits kollha ppreżentati, u d-dokumenti magħhom annessi.

Rat il-verbali, ix-xhieda prodotta u d-dokumenti minnhom esebiti fis-seduti miżmuma quddiem il-Perit Legali Dottor Fransina Abela;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi ippreżentata fit-2 ta' Diċembru 2015[1]; u n-nota responsiva tal-konvenut ippreżentata fid-9 ta' Mejju 2016[2];

[1] Fol. 1089;
[2] Fol. 1094;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dottor Fransina Abela[3], debitament maħluf nhar it-23 ta' Marzu 2017 fejn hija esponiet is-segwenti:

***"Introduzzjoni***

***Illi** permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat id-dsatax (19) ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013)[4] l-esponenti inhatret Perit Legali sabiex tisma' x-xhieda u tirredigi rapport dwar il-proceduri odjerni.*

***Illi** adempjiment tal-inkarigu lilha moghti, l-esponenti zammet diversi seduti li fihom ittelghu provi mill-partijiet kontendenti u wara li ezaminat l-enkartament processwali hija tinsab f'posizzjoni li tirrelata is-segwenti.:*

*Il-Perit Legali rat ir-rikors guramentat[5] pprezentat minn **A B** fil-**4 t'Awissu 2010** kontra martu C B D u r-rikors guramentat[6] ipprezentat **fit-2 ta' Settembru 2010, minn C B D pprezentat rikors guramentat kontra ir-ragel taghha A B[7];***

***Illi** permezz ta' digriet[8] moghti fl-udjenza tat-18 ta' Jannar 2011, il-Qorti ordnat li z-zewg kawzi jimxu flimkien.*

***Illi** is-sottoskritt ghall-facilita' tal-espressjoni u l-kjarezza, ser tirreferi invarjabbilment ghal A B bhala 'rikorrent' u/jew l-'attur' u ghal C B D bhala l-'intimata' u/jew il-'konvenuta'.*

*Illi in forza taz-zewg rikorsi guramentati wara li gie premess is-segwenti:*

*Illi in forza ta' digriet li jgib in-numru 1048/2010 datat 9 ta' Lulju, 2010 il-partijiet gew moghtija l-awtorizzazzjoni mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) biex issir il-kawza ghas-separazzjoni personali bejniethom;*

*Illi l-partijiet izzewwgu fit-23 ta' Gunju 1984 u kellhom zewg ulied jigifieri E, tifel, u F, tifla, li rispettivament ghandhom sittax-il sena u wiehed u ghoxrin sena;*

---

[3] Fol. 1150;

[4] *Process 'B' AL 312/2010 a folio 159*

[5] *Process 'A' Al 268/2010*

[6] *Process 'B' 312/2010*

[7] *Process 'B' a folio 1*

[8] *Kawza A B vs C B D rreferita bl-ittra 'A' u C B D vs A B rriferita bl-ittra 'B';*

*Illi l-hajja taz-zwieg bejniethom saret impossibbli u z-zwieg taghhom jinsab imfarrak b'mod irrimedjabbli;*
*Il-konvenuta tghid li kull tenttativ li sar minnha sabiex jintlahaq ftehim ghal separazzjoni konsenswali falla minhabba l-intransigenza da parti tal-attur zewgha.*

*l-attur talab lill din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*
*(i) Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta u ghall-finijiet ta' l-artikolu 48 (c) tal-Kodici Civili (Kap 16) tistabilixxi d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun kunsidrata li minnha kienet hatjta tal-firda;*
*(ii) Tawtorizza l-attur illi jghix separatament mill-konvenuta martu;*
*(iii) Tapplika kontra l-konvenuta interament jew in parti, id-disposizzjoni tal-artikolu 48 u 51 tal-Kodici Civili (Kap. 16);*
*(iv) Tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tordna li l-istess effetti formanti parti mill-komunjoni jigu divizi f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat minn din il-Qorti, fid-dawl ukoll tad-data meta l-konvenuta ghandha tkun konsidrata li minnha kienet hatja tal-firda, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-konvenuta, billi, okkorendo, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar pubbliku biex jircievi l-att u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;*
*(v) Tordna lill-konvenuta biex trodd lura lill-attur l-effetti parafernali kollha tieghu; u*
*(vi) Tawtorizza lill-attur jirregistra, fir-Registru Pubbliku, is-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti.*
*Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri tal-Medjazzjoni bejn il-partijiet, kontra l-konvenuta.* ***Illi fit-12 ta' Novembru 2010 , C B D*** *pprezentat r-risposta guramentata*[9] *fejn waqt li qablet ma' l-ewwel talba tal-attur li ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal-finijiet u effetti kollha tal-ligi eccepiet li is-separazzjoni ghandha tinghata ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-attur odjern, stante l-fatt illi l-hajja konjugali tal-kontendenti tkissret irriedjabilment ghaliex l-attur*

[9] *Process 'A' a folio 11*

*irrenda ruhu hati ta' eccessi, sevizzi, ingurji gravi, vjolenza psikologika u dan oltre l-fatt illi huwa rrenda ruhu hati ta' adulterju flagranti ma' certa G, mara mizzewwga illi l-attur iltaqgha maghha fuq il-post tax-xoghol.*

*Dwar it-tieni talba l-konvenuta ecceppiet li m'ghandha l-ebda oggezzjoni xi tressaq tenut kont tal-fatt illi l-kontendenti ilhom jghixu separati minn xulxin;*

*It-tielet talba l-konvenuta eccepiet li ghandha tigi michuda stante l-fatt illi t-tifrik taz-zwieg huwa unikament imputabbli lill-attur partikolarment minhabba r-relazzjoni tieghu adultera flagranti ma' certa G, kif ser jirrizulta ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*In kwantu ghar-raba' talba l-konvenuta eccepiet li taqbel illi l-kommunjoni ta' l-akkwisti ghandha tigi likwidata u sussegwentement diviza f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attur u wahda lill-konvenuta, pero' l-konvenuta ma taqbilx illi tigi ffissstata data li minnha l-konvenuta kienet hatja tal-firda ghaliex huwa l-attur li huwa hati tat-tifrik taz-zwieg u allura ghandu jkun hu stess illi jitlef il-jedd tieghu ghall-maggior parti tal-kommunjoni tal-akkwisti u dan minhabba l-agir irresponsabbli tal-attur innifsu fil-konfront tal-konvenuta kif ser jigi trattat waqt il-kawza u ghalhekk huwa ghandu jitqies hati tal-firda;*

*Ghall-hames talba tal-attur, il-konvenuta ecceppiet illi hija ma ssib ebda diffikulta' illi l-attur jiehu lura l-pjanu u l-linfa;*

*Kien hemm qbil fuq is-sitt talba.*

*Bl-ispejjez.*

*Minn-naha l-ohra, l-konvenuta talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1 Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ad mensa et thoro ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-attur;*

*2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri E unikament f'idejn l-konvenuta;*

*3. Tiddikjara u tordna li l-intimat huwa obbligat imantni (a) lill-ibnu u (b) lil bintu li ghalkemm hija maggiorenni, ghadha tistudja u dunque ghandha il-bzonn ta' ghajnuna finanzjarja, u konsegwenzjalment tiffissa dik ir-retta alimentarja u l-modalita tal-hlas li l-attur ikun hekk ordnat ihallas;*

*4. Tiffissa l-jiem , il-hinijiet u l-modalitajiet ta' l-access li ghalih ghandu jkun intitolat l-attur;*
*5. Tiddikjara xolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti*
*6. Tillikwida l-assi u d-djun ta' l-istess komunjoni ta' l-akkwisti li ghandha tinqasam f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali b'tali mod illi jekl jirrizulta li huwa l-kaz l-attur jitlef i-jedd tieghu ghal-nofs l-akkwisti illi kemm qabel u kif ukoll waqt iz-zwieg saru l-aktar bil-hidma u hlas ta' l-esponenti, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, kif ukoll bin-nomina ta' Nutar sabiex jippublika l-atti relattivi u bin-nomina ta' Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;*
*7. Tiddeciedi u tiddikjara liema propjeta' hija parafernali tal-kontendenti jekk ikun il-kaz;*
*8. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parte l-effetti kontemplati fl-artikoli 48 et seq. tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Matla'*
*9. Tiddikjara u tordna l-attur ikun obbligat imantni lill-konvenuta martu u konsegwenzjalment tiffissa dik ir-retta alimentarja u modalita' tal-hlas li l-attur ikun hekk ordnat ihallas[10].*
*Bl-ispejjez kontra l-attur.*

***Illi fil-10 ta' Dicembru 2010 A B ipprezenta risposta guramentata[11]*** *ghar-rikors tal-konvenuta fejn, waqt illi jaghmel riferenza ghar-Rikors Guramentat tieghu (Bin-numru 268/2010 AF, ) eccepixxa ill ghar-rigward it-talba tal-konvenuta ghas-separazzjoni personali, jghid illi ser ikun jista' jigi pruvat li:*

*(a) Kienet l-konvenuta li rrendiet il-hajja taz-zwieg impossibbli billi ghal numru ta' snin kienet tikkomporta b'mod kompletament "self centered" li ma kienx kompattibbli mar-rispett reciproku bejn il-konjugi, tiddisprezzah u tirrendih il-portatut tas-salarju tieghu u ta' flejjes u gid li kellu, sahansitra sa minn qabel iz-zwieg, amministrabbli kif jidhirilha u kif tiddeciedi hi, u tizgura li jew tghaddi taghha inkella tifferocja;*

*(b) Kien meta gie fi stat li ma felahx ikompli jghix f'tip ta' hajja, fejn ghar-ragunijiet imfissra kien gie rez "non entita", u*

---
*[10] Process 'B' a folio 13 - digriet tas-26 ta' Ottubru 2010 - zieda fit-talbiet.*
*[11] Process 'A' a folio 23*

*nfatti beda l-process debitu ta' medjazzjoni lli l-konvenuta esternat bla riservi l-karattru ferocju taghha, billi anke bdiet tixli li kien qed jikommetti adulterju kif fil-fatt qeghda taghmel fl-istanza odjerna, u dan meta kif ser jirrizulta ma hemm verita' ta' xejn f'dan l-addebitu li huwa biss ingurja gravi ohra da parti tal-konvenuta;*

*l-Attur jecepixxi li dwar il-medjazzjoni il-konvenuta hawnhekk, ukoll, m'hijiex qed tghid il-verita' peress li fil-kors ta' medjazzjoni twila li kif inghad inbdiet minnu, sar kull tentativ da parti tieghu biex minkejja kollox jara kif isehh ftehim ghas-separazzjoni bejniethom sahansitra billi ma jinsistix li jiehu lura certu gid parafernali tieghu. Fil-gbir tar-rizultanzi l-attur ikun jista' jipprezenta abbozz wara l-iehor ta' minuta ta' separazzjoni li thejja sabiex ma jispiccax kostrett illi jipprocedi b'kawza.*

*Sadinitant il-konvenuta mhux biss kompliet tirrendi mpossibbli kull xorta ta' ftehim, izda avvelenat sistematikament lil ulied il-partijeit billi dahhlitilhom f'rashom illi missierhom abbanduna l-familja minhabba mara ohra.*

*L-attur jecepixxi li fil-waqt illi l-konvenuta qed titlob, fir-Rikors taghha, bla ebda misthija (ir-raba talba) illi din il-Qorti joghgobha tiffissa l-modalitajiet ta' l-access ghal-favur tieghu ghal ibnu E li ghandu 16-il sena, taf aktar minn kulhadd illi binha ilu zmien twil li qata' kull xorta ta' komunikazzjoni ma' missieru.*

*Dwar is-sitt talba rigwardanti l-qsim tal-kommunjoni ta' l-akkwisti, l-attur jghid li ikompli jispikka l-atteggjament tal-konvenuta fejn, testwalment, qed titolbu "jitlef il-jedd tieghu ghal nofs l-akkwisti kemm qabel u kif ukoll waqt iz-zwieg" bhalikieku huwa immaginabbli legalment illi "qabel iz-zwieg" wiehed jista' jikkoncepixxi l-kommunjoni ta' l-akkwisti.*

*Jecepixxi li bhala fatt irid jirrizulta li kull ma ghandhom il-partijiet jipprovjeni sew bis-sahha tal-gid parafernali ta' l-esponenti kif ukoll bil-hidma tieghu fil-kors taz-zwieg.*

*Dwar it-talba tal-konvenuta ghall-manteniment jinghad li:*

*(a) ghal darb'ohra aktar minn kulhadd, l-konvenuta taf illi dejjem thallset il-manteniment pagabbli skont digriet ta' din l-Onorabbli Qorti, pero, ma jimpurtahiex li tghid dak illi m'huwiex is-sewwa;*

*(b) l-konvenuta hi kapaci li tahdem, u legalment hi tenuta li taghmel il-kontribut taghha kif inhu l-istat tal-ligi emendata sa*

*mill-1993, oltre li ma jisthoqqilha l-ebda manteniment kwalsiasi ghar-ragunijiet kollha suesposti.*

*F'dan l-istadju, l-Perit Legali waqt li taghmel referenza ghaz-zewg rikorsi promoturi li permezz taghhom il-partijiet elenkaw l-pretensjonijiet taghhom fil-kawza odjerna, tigbor flimkien it-talbiet fis-segwenti:-*

1. *Talba miz-zewg partijiet ghad-dikjarazzjoni tas-separazzjoni personali taghhom ad mensa et thoro b'dan illi in kwantu ghar-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieg kull parti tghid li ghandha tkun ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-parti l-ohra;*
2. *Talba mill-attur sabiex il-Qorti tistabilixxi d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun kunsidrat li minnha kienet hatja tal-firda;*
3. *Talba mill-attur ghall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 48 u 51 fil-konfront tal-konvenuta;*
4. *Talba miz-zewg partijiet sabiex tigi ttitterminata u maqsuma l-kommunjoni tal-akkwisti;*
5. *Talba sabiex jigi deciz liema propjeta' hija parafernali tal-partijeit;*
6. *Talba mill-attur sabiex l-konvenuta trodd lura lill-attur l-effetti parafernali kollha tieghu;*
7. *Talba mill-konvenuta sabiex tigi ffissata modalita' ta' access lill-attur ghall-ibnu E;*
8. *Talba mill-konvenuta sabiex l-attur ihallas mateniment ghalija;*
9. *Talba mill-konvenuta sabiex l-attur ihallas manteniment ghall-minuri u ghal binthom maggiorenni li ghadha tistudja.*

***PROVI***

***Verzjoni attur***

*Il-qofol tax-xhieda tal- attur, permezz ta' affidavit u viva voce in kontro-ezami, jiffoka dwar ir-ragunijiet ghaliex huwa kellu jitlaq mid-dar u jghix separat mill-mara tieghu. Jibda biex jghid li 'dan*

*il-pass jien m'ghamiltux b'kapricc izda ghax hajti ma' din il-mara kienet saret insapportabbli.'*[12]
*Jammetti*[13] *li kemm damu mizzewwgin kienet l-mara tieghu, l-konvenuta, li kienet tiehu hsieb il-familja u ''Kienet tesigi li tiehu hsieb id-dhul ta' flus hi............. l-amministrazzjoni tal-flus kollha taghna kienet tiehu hsieb il-mara, kemm paga u kemm flus li dahlu minn dawn it-transazzjonijiet.'*[14] *jghid li halla dan issir ghax 'kont nafdaha bil-flus u kont intihomlha kollha.'*[15]
*Barra l-paga,  l-introjtu fiz-zwieg kien jinkludi xi flus li dahlu ftit ftit minn wirt minghand iz-zija tieghu - 'daqqa minn fidi ta' xi cens u daqqa mill-bejgh ta' xi post jew bicca art.......... kienet kontra li jien inzomm dawn il-flus il-bank; kont nafdaha bil-flus u kont intihomlha kollha.'*
*Jghid li dejjem kienet tghid li m'ghandiex flus, filwaqt li hu qatt ma ghamel kapricc.  Wara li telaq mid-dar matrimonjali ghamel ricerka fuq l-introjtu mill-eredita' tieghu personali u mill-akkwisti li kienu ghamlu u kkonkluda:  'Peress li dawn il-flus tajthomlha cash fuq medda ta' zmien mhux hazin, ma ndunajtx li din kienet qed twarrabhom ghall-iskopijiet ta' mohha...kien hemm somma kbira ta' flus li mhix accounted for, u li ma setat marret imkien hlief ghand il-mara tieghi.  Din tammonta ghas-somma ta' bejn wiehed u iehor €54,000.'*[16]

*Jghid li martu qabel izzewwget kienet tahdem bhala factory operator u bi qbil tat-tnejn meta kien wasal iz-zmien biex jibdew familja ddecidew li ghandha tieqaf tahdem u dan - 'fl-ebda zmien ma geghltha tieqaf mix-xoghol b'forza............    Dan sar ghal-kumdita' taghha fil-bidu tat-tqala u jien kelli nistinka izjed sabiex bil-paga tieghi biss jibda jithallas id-dejn li kellna.  Ma kienitx facli ghalija li tonqos paga imma ma ridtx li ghal paga taghha tbati il-familja.  Jien issugerejtilha ma tahdimx izjed sabiex tkun kuntenta u ma tbatix.  Hi kienet pronta qablet mas-sugeriment tieghi ghax kien qablilha.'* [17]

---

[12] *Affidavit Process 'B'  a folio 907*
[13] *Seduta 31  in kontro-ezami  afolio 1048*
[14] *seduta 1 xiedha tal-attur Process 'B' a folio 30*
[15] *affidavit tal-attur Process 'B' a folio  908*
[16] *affidavit tal-attur a folio 908*
[17] *affidavit tal-attur a folio 909*

*Jghid li kien jaghmel minn kollox biex jara l-familja kuntenta u li ma jonqosha xejn - dejjem gieb ruhu kif jixraq bhala ragel mizzewweg u kien ihoss ir-responsabbilita' kbira lejn uliedu u lejha. 'Kont nofri ruhi b'sens ta sagrificju u dedikazzjoni minkehjja t-tormenti li ghaddietni minnhom.'*

*Jiddiskrivi l-martu bhala mara li minn dejjem kienet imdorrija li meta ssabbat saqajha tiehu dak li trid u jsir dak li tghid hi.*

*Fil-hajja mizzewwga jghid li kien joqghod hu mat-tfal meta l-konvenuta kienet tohrog mall-hbieb u tirritorna kmieni fil-ghodu jew gieli anke marret weekends specjalment fis-sajf u kien - hu kien joqghod wahdu d-dar jiehu hsieb it-tfal u dan ghalkemm ma kienx japprova ghal dan l-agir u hrug: 'Jien kont nipprova nuriha li ma kontx qed napprova dan, jew inkella kont inwissija li l-ghagir taghha, ma kienx jixraq lil familja taghna, spechjlament li jarawha il-girien b'certu ilbies mqaccat. Hi pronta kienet turini car u tond li jekk nopponi ghal dan, hi xorta whada kienet ha tibqa f'din il-hajja, kienet tghidli li ma kien hemm xejn li nista naghmel biex inwaqqafa, u li ha jkolli nadatta ghal din it-tip ta' hajja.'* [18]

*Jiddeskrivi l-vjolenza psikologika taghha fuqu billi jsemmi kemm kien kostrett li ma jmiss flus tal-paga; kienet tqassam kollox u taghtih ftit centezmi kuljum - ' insibhom fejn rasu meta jqum ghax-xoghol........ ghal kwalunkwe spejjes ohra, jien kien ikolli nitlob il-flus lilha.'*

*Isemmi li ma kienetx thallih ihallas ghall-ezamijiet u l-istudju li kien jaghmel 'sahansitra kien ikolli nissellef minn ghand habib tieghi'; li ma kienetx tippreparalu lunch; tirrabja ghax ma kienx jaghmel overtime u dan ma kienx tort tieghu; 'Kienet tkun dejjem irrabjata mieghi. dejjem bin-nervi u jekk nghid xi haga li ma taqbilx maghha tibqa tghajjat u toqghod bil-geddum. Kienet taghmel gimghat shah ma tkellimnix.'*

*Dwar Il-hajja intima jghid li din kienet ilha li spiccat u kienet torqod saqajha ma wiccu bhala sinjal biex ma jersaqx lejha.*

*Jghid li hu kien jghix ghat-tfal u il-fatt li kien ser ihalli lil uliedu warajh meta jitlaq ghalih kienet decizjoni ferm iebsa. Jghid li 'Hi uzat lit-tfal bhala arma biex twegghani kemm felhet.' ma kienetx thallih jara it-tifel li dak iz-zmien kien il-minuri - 'li tifridni minn uliedi kienet xi haga li hi taf li kienet ha twegghani hafna, ghax*

---

[18] *affidavit tal-attur a folio 914*

*jien kont nghix ghat-tfal.'* [19] *Meta kien iccempel kienet tixghel l-ispeaker u 'tissuggerilu jgibli kull skuza biex jghidli li ma setax jiltaqa' mieghi'.*

*Dwar ir-relazzjoni ma' uliedu jghid li eventwalment din spiccat hekk kif inqata' kull xorta ta'-kommunikazzjoni ghax dawrithom kontra tieghu - "avvelenat sistematikament lil ulied billi dahhlitilhom f'rashom illi missierhom abbanduna l-familja minhabba mara ohra.'*[20]

*Spicca li kien ihossu ' li qieghed id-dar biex inhewwel il-paga biss u ghal xejn izjed -ghal din il-mara kien kont biss dak li nipprovdi il-flus.'*[21] *Il-attur jghid li kien ge rez 'non entita'*[22]*; 'kont sirt il-pulcinell taghha......... ghal din il-mara jien kont biss dak li nipprovdi il-flus u ma kienx ghad fadal skop ghalxiex immur lura.'*[23]

*Meta, mhux b'kapricc imma ghax kien kostrett, telaq mid-dar, mar joqghod go dar li ma kienetx abbitabbli, fejn kienet imnezza minn kollox, sahasitra ghall-bidu kien jorqod ma' l-art u jinhasel l-ufficju. Ma kien ha xejn mieghu.*

*'Jiena ma ppjanajtx li nitlaq mid-dar. Sar f' mument ta' disperazzjoni ghax ma flahtx aktar nghix fi stat ta' qerq u umiljazzjoni. Imcahhad minn kollox inkluz flus u familja.' Prova ta' dan jghid il-fatt li halla id-dar hafna affaijiet ta' pregju li kienu parti minn wirt.*[24]

*Dwar l-adulterju li xehdet bih l-konvenuta, jikkonsidra dan bhala ingurja u jispjega li ma hemm verita ta' xejn. GSciciluna dahlet tahdem fl-ufficcju mieghu f'Dicembru 2006 u hu teleq mid-dar tlett xhur wara f'Marzu 2007 - 'ma kienx hemm zmien bizzejjed mindu sirt nafha bhala kollega, li tinbena relazzjoni li ghaliha wiehed jitlaq lit-tfal u lil familja.'*

*Jispjega kif din Gflimkien mall-kollegi l-ohra kienu jippruvaw jghinhu kemm setghu u l-veru raguni ta' l-insinwazzjoni ta' martu kienet - 'sabiex titfa' dell ikrah fuqi.. ' Jiddiskrivi lilu nnifsu bhala ragel exemplari li tul it 23 sena li qatta ma l-konvenuta 'kont naghmel minn kollox biex nara il-familja*

---

*[19] affidavit tal- attur a folio 912*

*[20] Process 'B' attur attur a folio 24*

*[21] affidavit tal-attur a folio 916*

*[22] Process 'A' a folio 23*

*[23] affidavit tal-attur a folio 916*

*[24] Seduta nru 22 - attur xhieda viva voce a folio 890*

*kuntenta u li ma jonqosha xejn. Jien dejjem gibt ruhi kif jixraq bhala ragel mizzewweg u kont inhoss repsonsabbilita kbira lejn uliedi u lejha.'*[25]

*Il-korsijiet li kien isegwi l-attur jghid li dawn kienu matul l-ahhar 10 snin u kienu parti integrali mid-dmirijiet tieghu lejn is-socjeta' li timpjegah (Farsons). 'Il-kumpanija kienet tistenna li nsegwi dawn il-korsijiet u nzomm ruhi aggornat. Kienet tissussidjani fuq korsijiet u l-ezamijiet u l-kumpanija kienet thallasli l-kotba kollha li kien ikolli bzonn. Kont insib zvog fl-istudju ghax kont inqatta' hafna hin twil wahdi d-dar mat-tfal.'*[26]

*L-attur jezebixxi,*[27] *dwar il-hlas ta' manteniment, kontijiet tal-propjetajiet in komuni u l-loans li kienu ghamlu waqt iz-zwieg.*

*Dwar l-assi tal-komnmunjoni l-attur ipprezenta dokument li jindika l-kapital derivat minn self mill-bank, negozju ta' propjeta' x'inxtara u x'inbiegh u spejjez in generali. Jghid li l-wirt personali 'jifforma parti sostanzjali minn dan il-kapital.' Ipprezenta ukoll kopji ta' kuntratti u fidi ta' cens ta' propjeta' li wiret.*

*L-attur jghid, u jissosstanza b'kopja tat-testmenti, li wiret mobbli, pittura etc u halla dan il-wirt fid-dar matrimonjali; jghid li dawn kienu: 'hafna affarijiet prezzjuzita' pregju: pitturi, kotba, ghamara etc. Fid-dar taz-zwieg nghid li hallejt zewg pitturi, oil paintings, bureau antic interzjat, linfa tal-murano glass, pjanu, xi dehebijiet taz-zija u ta' ommi, u kien hemm ukoll xi kotba antiki. Kelli bureau iehor li jinsab god-dar ta' missier il-mara.'*

*Jghati renidkont dwar il-propjeta' tal-kommunjoni li kif din kienet iffinanzjatha:*

1. *" Xtrajna post u garaxx fil-Fgura. Issellifna loan mill-Lohombus Bank. Il-mara kienet tahdem dak iz-zmien ghax konna ghadna kif izzewwigna. Ftit wara waqfet u l-loan baqghet tithallas mill-paga tieghi.*
2. *Fin-1991 xtrajna post Ghawdex. Hallasnih cash minn flus derivanti mill-wirt tieghi. Il-prezz kien Lm6,000.*
3. *Fi Frar 1996 xtrajna post tas-Sliema. Hallasnieh mid-dhul tal-bejgh tal-post tal-Fgura (1). Il-garaxx zammejnieh. Hadna loan biex naghmlu xoghol strutturali liema loan bqajt inhallas sakemm tlaqt mid-dar.*

---

[25] *affidavit tal-attur a folio 9111*
[26] *Seduta nru 22 - attur xhieda viva voce a folio 891*
[27] *Process 'B' dokumenti ezebiti mall-affidavit a folio 34 - 95*

*Jiddispjacini nghid li l-propjeta' prezentament tinsab fi stat dizastruz. Intbaghtu xi ittri minghandi sabiex nigbdu l-attenzjoni tal-mara."*

*Dwar flus parafernali tal-mara, l-attur jghid li hija kienet wirtet somma zghira minghand in-nanniet taghha.*

*In kontro-ezami l-attur jghid*[28] *li wara li telaq mid-dar kien jissapportja 'hafna lit-tifla fl-istudju, tghajtha direzzjoni u kont nghinha. Bqajt nghaddi dirett lilha pocket money wara li tlaqt u bqajt inhalsilha loan li kont ghamiltilha sabiex stajna nixtrulha l-kompjuter. Anke' l-internet kont inhallas, dan wara li tlaqt. Kont nghinha f' xi studju meta konna niltaqghu l-Universita'.*

*Jirrakonta dwar incident li sehh f'Dicembru 2013 meta kien mar weekend id-Dolmen u kien hemm ukoll Ggo kamra ohra. Jghid kien inqala' l-inkwiet meta missier C u t-tifel tieghu iffollowjawh u hedduh u dan meta kien sejjer fil-kamra tieghu.*

*'Kien hemm it-tifel – ma kellimtux ghax kien mimli kontrija tul dawn is-snin kollha u jiena rajt il-mibeghda kbira, apparti l-fatt li baqghu telghin warajja, issabtu mal-bieb, missierha dahal fil-lift mieghi, l-ewwel beda joffendini missierha, hi u t-tifel; baqa' miexi warajja dahal fil-lift – kien hemm xi sitta (6) minn nies – kienu zgur se jaghmlu ghalija fil-lift – geghlitu johrog x'hin konna ghadna isfel – huma baqghu fil-lift u telghu warajja fil-kamra.'*

*Dwar ir-relazzjoni prezenti ma' uliedu jghid li 'Tul dawn is-snin kollha jiena baghat lit-tifla birthday cards u emails – lit-tifel ma baghtlux cards – huwa mimli velenu ghaliha.'*

*Dwar ir-relazzjoni prezenti ma Gjghid li johrog mal-hbieb u maghha 'ghal xi drinks jew ikliet; gieli tghaddi ghalija hi u gieli jien.'*

*Cahad li l-konvenuta kienet talbitu jmorru 'counselling'. Jghid kif darba cemplet u 'Bil-biki talbitni mmur lura d-dar matrimonjali ttini kamra ghalija u ma jkolli x'naqsam xejn maghha u nibqa nghaddilha l-paga kollha kif kont naghmel qabel – tibqa zzomm il-kapricci u l-hrug.' -*

*Dwar ir-relazzjoni prezenti ma Gl-attur jghid li jiltaqa' kwazi kuljum ghal xi siegha – jew ghandha jew ghandi jew barra.*

### *Verzjoni konvenuta*

---

[28] *Seduta nru 26 - 17 ta' Novembru 2014 a folio 960*

*L-konvenuta xehdet permezz ta' affidavit u tibda biex tiddikjara illi hija fethet il-kawza ' biex issir gustizzja miegħi u ma' uliedi ta' din il-miżerja li tefagħna fiha żewġi u għax skont hu ma ħaqqna xejn.'  Tiffoka x-xhieda taghha fuq l-adulterju tal-attur.*
*Tispjega li  'Lili lanqas baqa' jfittixni f'xejn, lanqas biex ikollna x'naqsmu ma xulxin – meta jien naf (mill-25 sena li ilni nafu) illi dan ir-raġel mingħajr sess ma joqgħodx.'  B'dan l-agir riluttanti bdiet tissuspetta li hemm terza persuna fin-nofs - 'Fatt ieħor kien illi mhux talli lili ma baqax jorqod miegħi fis-sodda matrimonjali tagħna, iżda lanqas baqa' jkellmini u jħares lejja – jinjorani kompletament kont sirt tajba biss biex nsefter id-dar u nkompli nrabbi t-tfal.  Heqq dan beda jagħmel sens għax ma Ghu kien moqdi u kellu f'min jistrieħ.'*
*Tinnega li  xi ragel iehor kien dahhal id-dar u tghid li  ' qatt ma ħarist lejn ħadd minn meta telaq żewġi mid-dar u għadni waħdi sal-lum.'   u izzid li dan l-attur qalu sabiex jipprova jitfa' l-htija fuqha.*
*Dwar ir-relazzjoni ma Rosette: 'Ma kien veru xejn li jmur jimxi għax jien kont niffolowjah u rajtu jiltaqa' ma' din G(għax kienet tiġi għalih bil-karozza) u anke waqt il-breaks tax-xogħol kienet tiġi għalih u joqgħodu jitkellmu fil-karozza sakemm isirlu l-ħin biex jidħol lura għax xogħol.'*
*Kien tbiddel għal agħar tant illi fl-aħħar ftit ġimgħat kont narmi l-ikel li nkun sajjartlu għax ma kienx baqa jiekol mid-dar – minn fejn kien qed jiekol jien għadni ma nafx sallum.  Saħansitra l-lunch li kont nipreparalu għax xogħol ma kienx irid.'*
*Dwar l-istudji tal-attur il-konvenuta tixhed li kien jaghmel 'courses' li kien jgħid li jagħmel kull sena plus eżamijiet, li llum jien qatt għadni ma rajt prova ta' dawn il-'courses'.*
*'Hu rrnexxilu jfarrakni psikoloġikament u mentalment, jien soffrejt abbuż mentali meta qatt ma ried jaf b'responsabbilita ta' familja u għal 23 sena sħaħ il-piż tal-familja kif ukoll kull problema li seta' jinqala' kien dejjem fuqi..........  .  Jien għadni fuq il-medication sallum.'*
*Kienet tissugerixxi li tmur taghmel xi part time halli tghin il-familja, pero - ' hu kien jurini biċ-ċar illi ma jridnix noħroġ naħdem u ma kienx qed jieħu pjaċir b'dan is-suġġeriment tiegħi għax kien jgħidli li "d-dar qegħda tajjeb" u "għandi xogħol biżżejjed x'nagħmel". '*

*hu qatt ma kien jagħti daqqa t'id fix-xogħol tad-dar anki meta kont nagħmel disa' xhur nirremetti għax inkun tqila bit-tfal, u dan meta kien jaf li ma kelli ebda għajnuna ta' ħadd.'*

*Dwar spejjes edukattivi u ta' sahha, l-konvenuta tghid li l-attur qatt ma ta xejn - 'kien jaf li kellha quddiemha ħames snin universita. Fil-fatt lit-tfal dejjem jien waħdi ħallastilhom għal-lezzjonijiet privati.' (vide Dok. 'H' sa Dok. 'S')*
*Tezebixxi dokumenti dwar kontijiet li hallset, waqt il-proceduri odjerni, ghall-edukazzjoni tal-ulied[29] u 'Ngħid li dawn huma biss ftit mill-irċevuti peress li jien ma kontx inżommhom għax qatt ma bsart li kont ser niġi f'din is-sitwazzjoni.'*
*Ghalkemm l-attur kien jghid li " telaq mid-dar għall-gid tagħhom u għax kien iħobbhom u li xi darba kien ser jgħidhom għax kellu jitlaq' kien fil-fatt warrab l-uliedu minn hajtu.*

*'It-tfal jien rabbejthom waħdi mit-tnissil tagħhom fija, għax lanqas meta kont nkun tqila bihom ma' kien jiġi miegħi għand it-tabiba għax "ma jmurx ifalli xi lezzjoni ta xi kors li jkun qed jagħmel dak iż-żmien". Barra mill-familja l-konvenuta kienet tiehu hsieb missierha u l-omm tal-attur meta dina mardet.*
*Meta l-attur telaq mid-dar fis-6 ta' Marzu 2007, mar jabita l-Gudja god-dar ta' G, kollega fuq ix-xoghol, li maghha kien beda hbiberija tlett xhur qabel.*
*Tispjega li "l-problema kbira li kellu kienet finanzjarjament illi ma setgħax jieħu ħsieb mara oħra u żewġ uliedha u lili u t-tfal tagħna ukoll, u prova minn kollox kif għadu jagħmel sallum biex jaqta l-manteniment tiegħi għax lit-tifla avolja kienet tistudja qatt ma mantniha jew ikkontribwixxa xejn għaliha għax kienet għalqet it-tmintax (18) –il sena u bis-sagrifiċċji tiegħi li llum għandha post tajjeb tax-xogħol.' kienet isibha difficli b'paga wahda ta circa €1,250 ewro tlahhaq ma' l-ispejjes tal-hajja u ukoll meta t-tfal kienu jmorru skejjel privati u barra minn hekk kien ikun hemm ukoll 'spejjeż ta' mediċini ta' meta jimirdu t-tfal għax dawn it-tnejn asthmatic.'*
*Dwar l-akkwist tal-kommunjoni tixhed li waqt iz-zwieg kienu xtraw żewġt (2) idjar u garaxx mill- "flus li kellna aħna t-tnejn ċirka €19,000 mill-wirt tiegħu u l-flus li kien tani missieri ta' l-fuq*

---

[29] *Dok 'H' sa 'T'*

*minn €40,000 mill-bejgħ ta' proprjeta' tiegħu, mill-wirt li kelli jien minn naħa tan-nanniet (omm u missier ommi, għax ommi mietet żgħira) u mill-flus kontanti li kien jagħtini missieri...."*
*Barra minn dan tghid li missierha kien ta 'eluf ta' ewro mill-bejgħ tal-garaxxijiet li kellu, kif ukoll flus kontanti kull xahar (kien itihom lili għax jien bintu u għax żewġi idea ta' management ta' flus ma kellu) għal kull ma kellna bżonn u affarijiet ta rranġar u fittings ect … għad-djar li kellna........ 'kien jaghtini kull gimgha, kien jaghtini 'l fuq minn Lm25 u gieli aktar. Dam itiehomli tul il-hajja mizzewga u anke qabel iz-zwieg biex jghin lili u lir-ragel.... kienu Lm23,000, m'inhiex certa pero' nahseb. ' Minn ghand in-nanniet materni, il-konvenuta tghid li wirtet LM3,000.*
*Tikkonsidra li kieku hadmet barra d-dar tul it-23 sena zwieg kienet tircievi xi somma flus u anke tkun intitolata ghall-pensjoni.*
*Dwar l-assi tal-kommunjoni tghid li kienet dejjem hi li amministrat il-flus tal-familja; mill-paga kienu jhallsu l-loan li kellhom fuq il-propjeta u tikkonferma li zewgha matul iz-zwieg kien wiret 'Il-post li qed jghid li jghix fih Hal Qormi u c-cnus li huma ammonti zghar hafna fuq xi artijiet.' Kien wiret anke flus u dawn flimkien ma flus li kien ta missierha gew investiti fi propjeta'. ma tiftakarx kemm wiret l-attur peress li kien jonfoq hafna fuq courses li kien jattendi*
*Kienu u ghada toqghod go propjeta' ta' Gvern €29 kera kull tlett xhur*
*Tikkonkludi li 'Dan ir-raġel qatt ma jmissu żżewweġ u kellu t-tfal u lili ma kien urini xejn bil-karattru ta' ingann u rresponsabbli li għandu, u li qatt ma ried ikollu ebda sehem fir-responsabbilita' tal-familja. L-aġir tiegħu ta <u>passivita' hu inaċċettabbli</u> Illum it-tfal huma t-tnejn maġġorenni.'*
*Tispjeta li l-agir ta' l-attur ghamet hsara psikologika u rreparabbli fit-tfal taghhom li jibzghu jidhlu f'relazzjoni -'ħtija tal-egoiżmu ta' żewġi li taparsi jrid jilgħaba ta' misser, u dan meta ilu fuq seba' snin ma jikkomunika magħhom'.*
*Fuq l-affarijiet parafernali parti mill-wirt, l-konvenuta, waqt li tikkonferma li l-attur wiret sitt pitturi, tnejn minnhom ma tafx x'sar minnhom u l-erbgha l-ohra hadhom meta telaq mid-dar. Dwar il-bureau antik li kien wiret tghid li dan kien ghaliha minn ghand ommu 'peress li kont jien li ndur biha bil-marda terminali.', dan kienet bieghatu mill-idejn 'ghax ma kelliex flus*

*bizzejjed biex it-tfal ikomplu jistudjaw.' u ma tiftakarx li lill minn u lanqa l-ammont tal-bejgh. Dwar id-deheb taghha, dan bieghatu ukoll, mhux f'daqqa, mal-medda taz-zmien, lil Jewellers 'min tani l-aktar, fejn gibt l-ahjar prezz.'*

***H I*** *viva voce xehed li ilu jaf lill-attur 20 sena u l-ahhar 5 snin sar jafu aktar peress li spicca jahdem fl-istess dipartiment. Jghid li kien hemm zmien meta l-l-attur tkellem mieghu fuq inkwiet familjari u li ma riedx jibqa jghix fid-dar matrimonjali, pero qatt ma spjegali ghaliex. 'Kont nara dawn l-affarijiet mill-emozzjonijiet tieghu;........ qalli iva spjegali illi kellu problema d-dar. Kienet tidher / reali li kellu problema familjari' pero jghid li ma kienx jaf jekk kienx hemm xi problemi ma' terzi persuni.*
*'Fuq it-tfal qatt ma qalli xejn. Kont narah bid-dmugh u kien jghidli "It-tfal…….it-tfal".*
*Jiddeskrivi kif kien tbiddel l-attur - minn stat tajjeb ghal stat 'dizastru, konfus, illi ma kienx ikun jaf x' inhu jaghmel fuq ix-xoghol minhabba hsibijiet li kellu fuq il-familja....... kienu jcemplulu t-tfal u gieli nfaqa' jibki. Jien kont nassumi li qieghed jitkellem mat-tfal................ Gieli cempiltlu wara x-xoghol. L-iskop kien biex niccekja ghax kont nibza' li jaghmel xi wahda ghax kien imdejjaq u kont nistiednu biex immorru niehdu kafe biex inderrilhu.*
*Jghid li kien jaf li l-attur kien mar jghix x'imkien Hal-Qormi pero hu qatt ma mar fil-post. Jghid li kienu gabru xi flus ghall-bzonnijiet tieghu (sink etc) u hadulu washing machine u dan peress li kien jghid li m'ghandux dawn l-affarijiet.*

*A* ***J*** *jixhed li huwa kien habib hafna tal-attur, peress li kienu jahdmu flimkien fl-ufficju, ghall-23 sena. ; 'Fil-break konna nitkellmu fuq il-familja, dejjem fuq hekk konna nitkellmu.' Hu u l-mara kienu hbieb tal-partijiet u 'meta kienu sseparaw kienet cemplitli u jiena ghamilt aktar minn tliet darbiet tkellimt mas-Sur B biex nipprova nirrangahom.'*
*Kien ipprova jirranghom pero l-attur 'baqa' assolutament ma jriedx jaf.... ma riedx jaghmel l-ebda pass lura.' Waqt il-break kienu jitkellmu fuq l-ups and downs tal-familji taghhom 'Jien kont nipprova nikkalmah. Kont naghmel l-almu tieghi u mbaghad qatt ma kont nissoponi li ser jisseparaw. Kien jilmenta ghax kien imur id-dar, kien isib il-mara, kien jitlalha,*

*kienet tghidlu li ddejqet fuq it-tfal. Kienet tkun trid tohrog u mhux darba u tnejn kien joqghod mat-tfal hu. Dan kif kien jghidli hu. Dwar flus kien qieghed jiehu xi kors l-Universita' u gieli selliftu xi flus jien u dawn kien itihomli ftit ftit. Gieli fuq tal-linja kien ikollu ghall-biljett tieghu biss.'*
*Meta sseparaw kont diga tlaqt minn Farsons. Hadt xokk ghax qatt ma ppretendejt. Kont hadt xokk ghax telaq mid-dar. Qatt ma kont immaginajt. Ghalkemm kont tlaqt mix-xoghol, konna bqajna hbieb – zammejna kuntatt.'*

***G** tghid li saret taf lill-attur meta dahlet tahdem Farsons f'Dicembru 2006, waqfet f'April 2007 u f'Awissu 2007 regghet hadmet xahar iehor; kienu jahdmu fl-istess ufficju ma' hames min-nies ohra. 'Dak iz-zmien is-Sur B kien mohhu fuq ix-xoghol u kien ta' ftit kliem maghna. Nirrakkonta li darba konna sibnieh gol-ufficcju mifxul, jibki. Jiena smajt lil haddiehor isaqsih xi gralu u kien qal li ddecieda li jitlaq mid-dar ghal kollox. Ahna nhsadna peress li, billi ma kienx jitkellem hadd ma kien jaf minn x' hiex ghaddej. Konna ghidnilu biex jerga' jahsibha u jmur Kien qalilna li mar joqghod Hal Qormi.'*
*Tispjega li zammet kuntatt mall-impjegati kollha sallum; mall-attur meta hareg li ma kienx hemm cans ta' rikonciljazzjoni bdew jiltaqghu 'kultant ghal xi kafe' u imbaghad bdejna niltaqghu aktar spiss'.*
*Tinnega li qatt ma ghexu flimkien........... meta s-Sur B telaq mid-dar jien kont ghadni nghix mar-ragel li sseparajt fl-2009. Id-dar parafernali bieghejtha fl-2012. Illum nghix in-Naxxar go dar izghar hdejn familti, nghixu jiena u zewg uliedi.'*
*Lil konvenuta, ix-xhud ma tafhiex personalment imma isemmi incident meta fit-traffiku darba rat mara 'tghajjat u tixher fuq l-isteering b' mossi oxxeni etc u s-Sur B qalli li dik kienet martu.' Darba ohra iltaqghu regghu mall-konvenuta u bdiet tiehu ritratti bil-mobile.*
*Dan l-agir irrepeta ruhu f'incident id-Dolment Hotel, f'Dicembru 2013, meta kienet hemm weekend break ma bintha u l-attur li kien f'kamra separata. Peress li kienet segwitu sal-kamra tieghu kien cemplilna sabiex ma jersqux vicin u wara li hasbu li kien ikwieta kollox nizlu isfel u sabuha ghada hemm quddiem il-kamra tal-attur - 'Infexxet f' dagha u kliem oxxen. Hrigna bis-security u ghamilna check out sabiex ma jinqalax aktar inkwiet.'*

*In kontro-ezami izzid: 'Dak li ghidt mhux ghax qaluli imma nahilfu jiena ghax gara lili. L-indirizz fejn nghix "53, Corner Lodge, Triq ic-Cirasa, Naxxar". Nerga' nirrepeti li nghixu jien, it-tfal u l-kelb. Is-Sur B joqghod Main Street, Qormi.'*
*Dwar l-inkontri tghid li hi tiltaqgha kemm mall-hbieb taghha go grupp u kemm mall-attur, id-dar tieghu jew ghandha, tlett darbiet f'gimgha ghal xi siegha jew saghtejn; is-Sibt johorgu akkumpanjati mal-familjari u l-Hadd imorru l-quddies flimkien umbaghad joqghodu flimkien sal-5.00pm pero izzied 'Qatt u qatt ma ghamilt sleep over hlief f' xi barbeque ndumu forsi sa xi 2.00am.*

***Anthony Bonnici*** *rapprezentant tal-Go Mobile Communications Ltd u tal-Vodaphone ipprezenta dokument (CD) li tindika l-answered outgoing calls u l-outgoing sms's tal-linja 99468773 mit-13 ta' Marzu, 2013 sas-17 ta' Frar, 2014. Irrizulta linja ohra fuq il-persuna A B I.D. 373858 (M) liema linja ggib in-numru 79540466 u nghid f' dan ir-rigward qed nipprezenta dokument immarkat AB 2 li juri l-answered outgoing calls. Ghalkemm kien mitlub jipproduci perjodu aktar 'l boghod il-ligi tippermetti biss izommu data sa sena u ukoll dwar incoming calls m'ghandux data peress li is-socjeta' ma jkolliex record ta' dan; dawn huma moghtija bill lill-Pulizija u lis-security services.*

***Joseph Saliba*** *in rapprezentanza tal-ETC ipprezenta l-employment history tal-partijiet komplut.*[30]

***Stephen Cachia in rapprezentanza tat-Transport Malta*** *jixhed li hemm registrata vettura f'isem il-attur - bin-numru LCC 278 Kia Avella u vettura registrata f'isem C B Dbin-numru EBG 985. Ilha hekk registrata mit-22/2/2013.*

***K L***[31] *tixhed li ilha taf lill-konvenuta ghal dawn l-ahhar 22 sena meta l-konvenuta kienet tmur mal-familja taghha ghat-tlett xhur tas-sajf Ghawdex u meta l-konvenuta kienet tkun Malta kienu jikkuntatjaw bit-telefon.*

---

[30] *Seduta nru 26 ta' 17 ta' novembru 2014 a folio 950*
[31] *affidavitr Roza Camilleri a folio 691*

*Tghid li l-partijiet huma kontra xulxin ghax waqt li l-attur huwa bniedem 'dejjem ghalih wahdu.ma jitkellimx, hegga ta' xejn', l-konvenuta hija bniedma li 'titkellem, ferriehija, dhulija, qalbha tajba u fejn tista hekk xi hadd kien ikollu bzonn xi haga araha tara kif se taghmel biex tghinu - dejjem rat gid minn ghandha, tafda fiha, - jien u hi qisna ahwa dejjem nifthu qalbna ma' xulxin u hekk ghadna..... - kienet mara li l-ewwel priojorita taghha hija l-familja.......... ifissatha fuqhom tiehu hsiebhom li ma jweggawx u kienet tinkweita hafna meta jimirdu ghax kienet qalet li t-tnejn bl-azma .' Dwar l-attur tikkumenta ukoll li 'Haga li ma kontx nifhem jien kienet illi dan ir-ragel dejjem tul it-22 sena illi ili nafhom, rari issibu d-dar u dejjem b'xi course.'*
***F B D** it-tifla tal-kontendenti permezz ta' affidavit xehdet[32] li waqt li kienet l-Universita' 'qatt ma rceviet xi forma ta' ghajnuna jew xi pocket money minghand missierha A B ............ li qatt ma hallas ghal xi servizz ta' internet (hlief ghall-ewwel xahrejn). Dwar zewg cekkijiet mahrugin bejn Marzu 2007 sa Jannar 2008, li ghaddiehomlha missierha u sarfithom hi, tikkonferma dan u li pero kienu dwar il-compjuter loan - 'Dan ma kienx fuqi, kien loan tal-Bank - il-kompjuter kien juzah kulhadd - pero ma niftakarx dettalji.'*
*Meta telaq mid-dar qata' kull kuntatt maghha u tghid li thoss li hi lahqet bil-hila taghha biss, sforz ta' l-inkoragiment ta' ommha. Ghandha residenza taghha.[33]*
*Dwar inkontri ma missierha tghid li kien xi drabi jaghmel tentattivi 'imma ma tantx ghamel effort - ma tantx kien hemm emails - kien hemm xi drabi li rrispondejt biex nara kif inhuma. Nghid jekk kellix volonta; li narah u nkompli niltaqa' ma missieri nghid li kont konfuza, kont irrabbjata ghax sirt naf li mar ma haddiehor pero dak iz-zmien kelli l-ezamijiet u kont stressjata.'*
*Tghid li kient rat lil missierha darba ma haddiehor, fil- beer festival - 'kien fost in-nies, rajtu aktar minn darba kont rajtu ukoll il NYE miexi mal-front.*

***Dolores Tardivon** habiba tal-konvenuta, permezz ta' affidavit[34] tiddiskrivi l-konvenuta bhala bniedma li kellha l-familja ghal qalbha hafna u tigi l-ewwel u qabel kollox, biezla hafna u li*

---

*[32] Affidavit ta' F B D (process 'B') a folio 949*
*[33] Process 'B' in kontro-ezami a folio 956*
*[34] Affidavit process 'B' a folio 204*

*kienet tiehu hsieb id-dar u l-familja taghha., dejjem on the go, u mhux wahda li thobb tiggerra barra. Lill-attur ftit li xejn saret tafu ghax 'huwa kien dejjem jintefa f'rokkna ........... b'rasu baxxuta u rari kont tisma xi kelma minn ghandu.'*
*Kienet tghix l-Awstralja u meta kienet izzur Malta u tmur tara lill-konvenuta din kienet tkun jew wahedha jew mat-tfal u l-attur qatt ma kien ikun hemm ' meta kont insaqsiha ghalih kienet tghidli li qieghed xi course................ kont naraha tigri 'l hawn u 'l hemm twassal lit-tfal u tnaddaf u hekk.' Izzid li 'wara li A telaq mid-dar C kienet damet perjodu twil ma tiflahx. Kull meta kont nigi Malta u kont nghidilha biex niltaqghu hija qatt ma kienet tkun trid tohrog u ghalhekk kont immur naraha d-dar taghha.'*

## ***KONSIDERRAZZJONIJIET***

### ***1. Responsabbilita ghat-Tkissir taz-Zwieg***

*Il-partijiet jattribwixxu reciprokament lil xulxin it-tkissier taz-zwieg taghhom minhabba eccessi, sevizzi, ingurji gravi u vjolenza psikologika. Il-konvenuta tghid li l-attur huwa hati ta' adulterju. Dawn huma ragunijiet validi li, jekk, ppruvati, jistghu jaghtu lok ghas-separazzjoni personali pero hu pacifiku fil-gurisprudenza nostrana li, "l-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni ta' separazzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri," - sentenza tal-Prim Awla Tal-Qorti Civili fl-ismijiet* ***Caterina Agius vs Benedict Agius*** *tat-13 ta' Gunju 1967.*
*Bhala nota inizzjali l-Perit Legali tistqarr li wara li ezaminat fil-fond l-atti processwali kollha, hija thoss li ghandha tirrimarka li l-provi prodotti mill-partijiet kontendenti fuq il-kap tar-responsabbilita' huma assai minimi, tant li hi nstabet f'qaghda intrikata hafna biex tkun tista' tindividwa b'mod seren u konkret x'kienet il-kawza ewlenija li gabet fix-xejn iz-zwieg taghhom. Fuq dan l-aspett bizzejjed, jinghad li l-unici provi insiti fl-atti processwali huma cirkoskritti fuq (1) l-affidavits u l-konsegwenzjali kontro-ezamijiet tal-partijiet; (ii) ix-xhieda viva voce tal-kollegi tal-attur u tal-habiba tal-attur u ta' zewgt i-hbieb tal-konvenuta, wahda konvenuta li kienet pero tghix il-gran parti tal-hajja l-Awstralja u kienet tara l-konvenuta meta kienet tigi ghall-vakanzi Malta u l-ohra kienet tiltaqa' maghha meta tmur*

*Ghawdex fil-vakanzi tas-sajf, (iii) it-testimonjanza ta' bint il-partijiet.*

*Fil-fehma tal-Perit Legali f'kawza ta' din ix-xorta fejn hemm allegazzjonijiet serji bhalma huma l-adulterju u sevizzi kien ikun mistenni li l-partijiet jissostanzjaw l-allegazzjonijiet taghhom, per ezempju billi jtellghu jixhdu aktar hbieb, familjari, etc li kienu jkunu ta' spiss fil-prezenza taghhom u dan biex forsi jixhtu aktar dawl fuq min mill-partijiet ghandu jitghabba bir-responsabbilita' tat-tkissir taz-zwieg.*

*Irrispettivament minn dan kollu, fl-ahhar mill-ahhar, kif tajjeb spjegat fis-sentenza* ***Joseph Buttigieg et vs. Julia Farrugia ,****L-Appell Inferjuri tad-9 ta' Jannar 2009. "id-disponibbilita' tal-provi hi mhollija fl-inizzjattiva tal-parti u l-gudikant irid jiddeciedi l-kawza in bazi ghal dawk il-provi sottoposti ghall-ezami tieghu. Dan fuq l-istregwa tal-principju iuxta alligata et probata. Ma kien hemm ebda obbligu fuq il-qorti li tikkonduci hi l-provi, li fid-djalettika processwali huwa fil-poter esklussiv tal-parti." Dan necessarjament jimplika li s-sottoskritt ha joqghod esklussivament fuq il-provi li jinsabu fl-atti tal-process.*

***L-Adulterju***

*Skond Artikolu 38 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta - "Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra". L-adulterju huwa raguni valida bizzejjed ghall-Qorti sabiex tilqa' t-talba ghal separazzjoni personali bejn koppja u dan stante li kif sostniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet* ***Greengrass Hugh vs Greengrass Lucia*** *fejn gie ritenut li: "L-adulterju hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali".*

*Fil-premessi tac-citazzjoni ipprezentata minnha, l-konvenuta tattribwixxi l-htija tas-separazzjoni ta' bejniethom lill-attur ghal-raguni prinipcali ghaliex ikkometta adulterju ma' certa Rose Sciciluna.*

*Madankollu, tul il-kawza hija ma pproduciet l-ebda prova sodisfacenti dwar adulterju li seta' wassal ghat-tifrik taz-zwieg. Iz-zwieg kien se mai diga tfarrak. Fil-fatt l-konvenuta fl-affidavit li gie pprezentat 7 snin wara li l-attur telaq mid-dar qalet biss dwar hbiberija/ relazzjoni li hija tallega li r-ragel taghha beda*

*wara li telaq mid-dar*[35] *: 'fis-6 ta' Marzu 2007, kien telaq mid-dar matrimonjali u mar jabita l-Gudja god-dar ta' G, kollega fuq ix-xoghol, li maghha kien beda hbiberija tlett xhur qabel'. Tikkonferma ukoll li l-kawza bdiet qabel t-2010. Bdiet meta telaq ir-ragel fit-2007 bil-medjazzjoni.'*[36]
*Tghid li kienet tiffolowjah u ratu jiltaqa' ma' din Rosette (ghax kienet tigi ghalih bil-karozza) u tassoccja ir-riluttanza tieghu fis-sess: 'Heqq dan beda jaghmel sens ghax ma G hu kien moqdi u kellu f'min jistrieh.'*
*L-attur jikkonsidra l-allegazzjoni tal-adulterju bhala ingurja u jispjega li ma kelliex ghalfejn izeffen lil G ghax din kienet biss dak iz-zmien wahda mill-kollegi ta' fuq ix-xoghol li kienu jippruvaw jghinuh mill-ahjar li steghu u li kienu tawh parir biex jerga jmur lura d-dar. Meta telaq mid-dar, tlett xhur biss kienu ghaddew minn mindu l-attur sar jaf lil G - 'ma kienx hemm zmien bizzejjed mindu sirt nafha bhala kollega, li tinbena relazzjoni li ghaliha wiehed jitlaq lit-tfal u lil familja.'*
*In sostenn tat-tezi tieghu l-attur pproduca bhala xhud lill-istess G, mara ta 52 sena, li xehdet viva voce*[37] *u ikkonfermat lill-attur saret tafu f'Dicembru 2006; kienu jahdmu flimkien go ufficcju ta' hames minn nies u l-hbiberija kompliet, tiltaqa' mal-attur gieli anke fil-prezenza ta' hbieb ohra u gieli wahedhom pero mhux kuljum. Issostni li 'Qatt u qatt ma ghamilt sleep over hlief f' xi barbeque ndumu forsi sa xi 2.00am.'*
*Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallegaha, jistax fattwalment jaghti prova. Din il-Qorti esprimiet l-fehma illi rigward l-allegazzjoni ta' l-adulterju iridu jingiebu provi sodi u ghalhekk il-prova ta' adulterju m'ghandhiex tkun ibbazata sempliciment fuq impressjoni, agir jew karattru ta' xi parti.*

*Fil-kawza fl-ismijiet* ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs G Scicluna*** *gie dikjarat li: "L-adulterju minn dejjem gie meqjus bhala l-kawzali l-aktar gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat per mezz ta'*

---

[35] *Affidavit tal-konvenuta - Process 'B' a folio 176 ipprezentat fis-7 ta' Ottubru 2013*
[36] *Konvenuta viva voce - seduta numru 15 a folio 225*

[37] *Xhieda viva voce - seduta numru 19 a folio 873*

*indizzji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika".*

*Kif gie dikjarat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza "**Catherine Bartolo vs. Joseph Bartolo"** moghtija fit-30 ta' settembru 2011:-*
*'Illi kif gie diversi drabi ripetut mill-Qrati taghna, huwa difficli hafna li wiehed igib prova definittiva illi sar l-adulterju, u stante s-serjeta' tal-akkuza, min qieghed jallega l-adulterju jrid jipprova dan permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, li jridu jkunu precizi, gravi, konkordanti u univoci biex b'hekk ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika."*

*L-esponenti wara li ezaminati l-provi kollha mressqa mill-partijiet irrizultalha li l-attur, kien biss wara li z-zwieg tfarrak u kien kostrett jitlaq mid-dar matrimonjali, li beda hbiberija ma' kollega fuq il-bank tax-xoghol, liema hbiberija baqghet ghaddejja u ma tkissritx tul il-proceduri tas-separazzjoni. Tirrileva li l-indizji prodotti mill-konvenuta ma jindikawx jekk din il-hbiberija tal-attur mal-persuna msemmija marritx jew le oltre semplici hbiberija - ma jlahhqux ghall-prova sodisacenti ta' adulterju. Isemmi li kienet tara l-karozza tieghu ipparkjata fit-triq fejn tghid li kien ikun mal-habiba; Il-konvenuta semmiet biss episodji izolati fejn rat lill-attur u lill-G flimkien, go hotel imma apparti li ma kienux wahedhom, ma jirrizultax illi tabilhaqq hija qatt qabdet lill-attur fil-fatt. Xhieda, inkluza G xhedu b'mod kategoriku li l-akkuzi tal-konvenuta kienu totalment infondati. L-konvenuta minn mindu telaq mid-dar matrimonjali baqghet takkuza lill-attur li kien qed jikkometti adulterju ma' G. Huwa minnu li mhux dejjem facli li wiehed jipprova adulterju. Kien l-oneru taghha li tipprova b'mod sodisfacenti l-allegazzjoni taghha.*
*L-esponenti umilment tirrileva illi dawn l-illazzjonijiet u allegazzjonijiet ma jikkostitwixxux provi ta' gravita, precizjoni u konkordanza tant illi ma jhallu l-ebda dubju f'mohh l-esponenti illi l-attur wettaq adulterju. **Ghadaqstant, l-esponenti umilment tirrileva illi l-adulterju ma giex pruvat mill-konvenuta.***

*Fil-kamp matrimonjali jekk konjugi takkuza l-konjugi l-iehor jew l-ohra b'adulterju, pero tali akkuza ma tigiex ippruvata, minn jakkuza huwa hati ta' ingurja gravi fil-konfront tal-konjugi li jkun gie ingustament akkuzat b'wiehed min nuqqassijiet l-aktar gravi li konjugi jista' jikkometti fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra.*

***Sevizzi, Ingurji, eccessi, mohriqa, minacci***

*Fil-premessi tac-citazzjoni ipprezentata minnu, l-attur jattribwixxi l-htija tas-separazzjoni ta' bejniethom lill-konvenuta minhabba eccessi u ingurji gravi fil-konfront tieghu li 'hajti ma' din il-mara kienet saret insapportabbli........tant kont imdejjaq u msawwat d-dar illi ma qadt inqis xejn....... Kont inbaxxi rasi ghal dan iz-zebliegh biex ma jinqalax inkwiet quddiem it-tfal, kont sirt il-pulcinell taghha......... 'ghal kull haga li kienet igghelni naghmel marti. Kont inhossni bhal kelb li jrid jobdi lil sidu....kont nippreferi inbati fis-silenzju.'*

*Jghid li kienet tuza vjolenza psikologika fuqu u jsemmi kif ma kienx jista' jonfoq xejn ghalih - ittih ftit flus kulljum ghall-tal-linja, tirrabbja mieghu, dejjem bin-nervi, tghajjat u 'Kienet taghmel gimghat shah ma tkellimnix.' Minhabba uliedu, li ghalihom kien dedikat kellu jirrassenja ruhhu sakemm fl-ahhar saret insapportabbli u telaq mid-dar u mar jghix go post inabbitabbli jorqod ma l-art u jinhasel u jbiddel fuq il-post tax-xoghol.*

*Il-konvenuta tattribwixxi l-abbandun tar-ragel; tideskrivi l-agir tal-attur, bhala wiehed ta' passivita' li kien inaccettabbli ghaliha; kienet tffaccja l-problemi ta' kuljum wahedha, rabbiet it-tfal wahedha u apparti hadet hsieb lill-missierha u anke lill-omm l-attur. Kienet tamministra l-finanzi u ssemmi li l-problema kbira kienet wahda finanzjarja u tattribwixxiha ghall-fatt li 'ma setgħax jieħu ħsieb mara oħra u żewġ uliedha...'*

*Il-hajja intima ta' bejniethom kienet saret riluttanti, jorqdu separatament u eventwalment beda jinjoraha minghajr ma jkellimha u jhares lejha.*

*Jidher li l-hajja matrimonjali tal-partijiet mal-medda taz-zmien ma kienetx wahda felici fejn kienu jikkontribwixxu lejn il-bzonnijiet ta' xulxin. Il-konvenuta tispjega c-cirkostanzi li kienet ghaddejja minnhom u l-attur jispjega kif l-konvenuta kienet tirreagixxi ghal dawn ic-cirkostanzi pjutost negattivi. La parti u lanqas ohra ma ssemmi li f'dawn ic-cirkostanzi kien ikun hemm*

*xi argumenti shan jew glied li jispikka f'vjolenza fisika, tghajjir, uzu ta' kliem hazin theddid etc. L-attur ghazel is-silenzju pero bis-silenzju ma nstabitx soluzjoni ghall-problemi li l-hajja matrimonjali kienet qeda tofri. Jista' jaghti l-kaz li l-konvenuta kellha wisq affarijiet x'tiffacja, u b'reazzjoni tac-cirkostanzi, bl-agir taghha setghet irrendiet ruhha hatja versu l-attur ghal vjolenza morali u psikologika, pero fl-assenza ta' provi ma jistax jinghad li kien hemm vjolenza fisika, mohqrija, sevizzi, u theddid.*

*Huwa minnu li, kif gie ritenut ukoll illi l-ingurji jridu: 'joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b'mod li jiggeneraw dulur, ezacerbazzjoni u avverzjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom.'[38] l-attur kien f'dan l-istat mentali meta telaq mid-dar imma l-ebda prova ulterjuri ma ngabet dwar dan l-agir tal-konvenuta.*

*Dwar l-ingurji gravi il-Qorti fis-sentenza "**Jacqueline Balzon proprio et nomine vs Joseph Balzan"** moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' frar 2016 idikjarat:-*

*" in tema legali jinghad illi "l-ingurji gravi ma gewx specificament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvaluthom" **(Marthese Vella pro et noe vs. George Vella -** PA deciza 28 ta' Far 2003).*

***Issir referenza ukoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius"** deciza fl-10 ta' dicembru 1951 fejn gie dikjarat illi:- "Mhux kull tghajjir tal-konjugi bejniethom jikostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill-iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi. Huma sevizzi dawl l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu hum diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."*

***2.*** *L-esponenti thoss li t-tkisser taz-zwieg huwa imputtabbli liz-zewg partijiet indaqs. Huwa evidenti u l-esponent umilment temmen illi s-sitwazjoni partikolari taz-zwieg tal-partijiet kienet*

---

[38] *Vol. XXXI, PI p.2000*

*tirrikjedi ghajnuna u konsultazzjoni psikologika, il-konvenuta kienet tmexxi u tiffaccja l-problemi wahedha waqt li l-attur kien jahdem u jattendi courses wara x-xoghol.*
*Sadinitant iz-zwieg taghhom beda jikrolla serjament ftit ftit minghajr ma irrealizaw; waslu sabiex irrendew il-hajja matrimonjali taghhom minn wahda difficli ghal wahda insoppartabbli u minghajr ma iffaccjaw u ippruvaw isibu soluzzjoni ghall-inkompatibilita' ta' karattru taghhom.*
***Tikkonkludi minghajr ebda xaqq ta' dubju illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti m'ghadiex aktar possibbli minhabba l-inkompattibilita tal-karattri tal-partijiet.***

***3.*** *Stante li t-tkisser kien imputtabli liz-zewg kontendenti, l-esponenti thoss li l-Artikolu 48 u 51 m'ghandhomx jigu applikati.*

***4. Komunjoni ta' l-Akkwisti***
*Dwar il-kommunjoni tal-akkwisti, l-esponenti umilment taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:*
*1. Propjeta:*
*i. Illi jirizulta li l-propjeta' li kienet isservi bhala fond matrimonjali sitwat fi flat 188 F Flat 5 St. Ursola Street Valletta hija propjeta' tal-Gvern mikrija lill-kontendenti. Apparti l-ghamara, pittura u affarijiet ohra li wiret l-attur, dwar l-ghamara gewwa dan il-fond ma isemma xejn.*
*ii. Illi fiz-zwieg inxtara l-fond bin-numru 20 Triq l-Imrabat Sliema, li gie stmat fit-12 ta' Gunju 2007 mill-Perit K. Borg li jiswa* ***€151,409***[39]
*iii. Illi inxtara ukoll il-fond bin-numru 28 Sqaq 1, Triq San Gorg Rabat Ghawdex li gie stmat fit-12 ta' Gunju 2007 mill-Perit K. Borg li jiswa* ***€151,409***[40]
*iv. u l-Garaxx bl-isem 'A Garage,' Triq Kent Fgura li fit-12 ta' Gunju 2007 mill-Perit K. Borg li jiswa* ***€26,788***[41]

*2. Vetturi*
*Mid-dokumenti prezentati mir-rapprezentanti tal-ADT hemm zewg vetturi:*

---
[39] *a folio 1057*
[40] *a folio 1057*
[41] *a folio 1059*

*i. Vettura tat-tip Kia Avella bin-numru ta' registrazzjoni LCC-278*

*ii. Vettura tat-tip Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni EBG-985 f'isem l-attur.*

*L-ebda dokument ma gie pprezentat li jindika l-valur prezenti ta' dawn il-vetturi.*

*3. Jirrizulta illi hemm self bankarju u kontijiet bankarji fik isegwi:-*

***Kontijiet tal-Bank:***

*Ricerka saret mill-1987 sal-10 ta' Jannar 2014*

*Mill-provi prodotti jirrizultaw is-segwenti kontijiet f'isem l-attur:-*

*Bov Savings Account bin-numru 1-2-1339701-1 li inghalaq f'Jannar 2008[42];*

*Bov Savings Account bin-numru 40016833412 li inghalaq f'April 2010[43];*

*Bov Savings Account bin-numru 40016833438 A/c Damian li inghalaq f'April 2010[44];*

*Bov Current Account bin-numru 40016851106 bil-bilanc ta' €5.00 [45];*

*HSBC Current A/c bin-numru 016-210601-001 bil-bilanc ta' €271.65;[46]*

*HSBC Savings A/c bin-numru 016-210601-050 bil-bilanc ta' €13.80[47];*

*HSBC SavingsA/c bin-numru 054-1522451-050 maghluq f'April 2010[48];*

*Visa Classic Account No: 4568821138046052 bil-bilanc ta' €7.17[49]*

*Advance Visa Account No: 4035710035745244 bil-bilanc ta' €20.00[50]*

---

[42] *dokument RG 2 a folio 257*
[43] *dolument RG 5 a folio 277*
[44] *dokument RG 6 a folio 281*
[45] *dokument RG 7 a folio 294*
[46] *Dokument AG 3 a folio 393*
[47] *Dokument AG4 a folio 475*
[48] *Dokument AG4 a folio 481*
[49] *Dokument AGG 6a folio 832*
[50] *Domument AGG 7 a folio 869*

*Mill-provi prodotti jirrizultaw is-segwenti kontijiet f'isem l-konvenuta:-*
*BOV Savings Account bin-numru 40019168443 - bilanc €51.71*[51]
*HSBC Current A/c bin-numru 087073516050 bil-bilanc ta' €00.97*[52]*;*
*HSBC Savings A/c bin-numru 87073516001 bil-bilanc ta' €25.96*[53]*;*
*Mill-provi prodotti ma jirrizultax kontijiet f'ismijiet kongunti.*

### *5/6 Propjeta' Parafernali*

*Dwar il-propjeta' parafernali l-esponenti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:*

*i. Illi l-attur prezenta dkument*[54] *li fih ta rendikont ta' l-assi li l-partijiet kellhom tul il-hajja matrimonjali. Dan jinkludi il-propjeta li nxtrat mill-partijiet, introjru li l-attur ircieva matul iz-zwieg minn bejgh ta' propjeta' parafernali u fidi ta' cens, u spejjes li saru waqt iz-zwieg. Ipprezenta ukoll dokumenti*[55] *li jinkludu kuntratti ta' xiri u bejgh ta' propjeta', divizjoni ta' wirt u cedoli ta' depozitu.*

*L-konvenuta tghid*[56] *li ma taqbilx ma dan id-dokument u tikkonferma biss li l-attur wiret 'il-post li qed jghix fih Hal Qormi u c-cnus li huma ammonti zghar hafna fuq xi artijiet.' Tametti ukoll li l-attur wiret xi flus pero ma tafx l-ammont - 'Ovvjament parti mill-flus li hu kien wiret flimkien mal-flus kollha li tani missieri gew investiti f'propjeta' u b'hekk jien kont kapaci nkabbar l-assi taghna ghax kont kapaci.'*

*Mill-ezami tad-dokumenti pprezentati mill-attur jirrizulta bic-car li l-attur ghandu kreditu mill- kommunjoni fl-ammont ta' LM33947.00 jigifieri **€79,075.***

*ii. L-attur jipprezenta ukoll zewg testmenti bhala evidenza li kien wiret lil ziijtu u lil huh. Ipprezenta ukoll dokument*[57] *li jelenka lista ta' l-affarijiet irkantati taz-zija tal-attur u ritratti ta' ghamara u pittura li kienu jappartjenu liz-zija u li*

---

[51] *Dokument RG 1 a folio 243*
[52] *dolument AG 2 a folio 347*
[53] *Dokument AG 1 a folio 327*
[54] *Process 'B' a folio 34 - JM1*
[55] *JM2 sa JM21 a folio 35 - 95*
[56] *seduta 12 ta' Mejju 2011*
[57] *a folio 1003*

*wiret hu; kif ukoll lista tal-oggetti li kienu jinsabu f'188 Flat 5 Triq Sant Ursola Valletta fis-16 ta' April 2014.*

*Dwar din il-lista l-konvenuta tghid li r-ragel mill-post tal-Belt ha hwejjgu, ghamara ez. 4 pitturifuq it-tila taz-zejt li kienu wirt minnghand iz-zija mejta, zewg sodod jinghalqu, magna tal-kafe' u affarijiet hekk u dan kif setghat tara hi ghax kien ilu jiehu bil-mohbi taghha.*

*Dwar wirt iehor tghid li fid-dar ma baqa' xejn li huwa wirt. Tikkonferma li kien wiret 6 pitturi u tnejn minnhom ma tafx x'sar minnhom.*

*Dwar il-bureau antik tghid li dak kien wirt t' ommu u tieghu minghand zitu u ommu qabel ma mietet qaltilha li dak kien ghalija peress li kienet iddur biha bil-marda terminali - pero dan ma giex sostanzjat bi provi ohra.*

*Il-bureau, li tikkonferma li kien antik, bieghatu mill-idejn xi sitt snin ilu qabel mat-tifla dahlet l-Universita', hekk kif bdiet il-medjazzjoni, ftit wara li telaq mid-dar u dan sabiex thallas l-istudju tat-tfal u hu qatt ma ghen fl-istudju tat-tifla f'sitt snin u dan peress illi kellu lil Rosette u t-tfal taghha, pero ma tiftakarx lil min u kemm.*

*Tikkonferma ikkonferma li fil-garaxx hemm bictejn ghamara, pjanu, chandelier tal-Murano li kien taz-zija tar-ragel.*

*iii. L-konvenuta tghid li missierha kien ta xi flus li gew investiti f'propjeta' li kienu fuq LM20,000 u min-nanniet materni tghid li kienet wirtet LM3,000**.** Provi in sostenn ta' dan il-konvenuta naqset li tipproduci. Dwar il-flus li wiret l-attur, il-konvenuta tghid li ma tafx kemm kienu ghax dawn kienu jinaqdu ma dak li kien jaghtiha missierha. Tghid li b'dawn il-fus l-attur kien ihallas il-courses u jixtri l-kotba.*

*Tghid li l-Vettura tat-tip Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni EBG-985 kienet xtratha bi flus fis-sena 2013 li kienu moghtija b'donazzjoni minn missierha - fuq din -id-donazzjoni ma ngabet l-ebda prova.*

*Ghaldaqstant, l-esponeneti tirrileva illi:-*

*i. Hemm kreditu parafernali a favur l-attur mill-komunjoni konsistenti f' LM33947.00 jigifieri €79,075 u dan in vista tal-kapital li dahhal l-attur waqt il-zwieg mill-propjeta' parafernali u li gew investiti fi propjeta tal-Kommunjoni;*

*ii. Hemm kreditu parafernali a favur l-attur mill-konvenuta personalment u dan in vista tal-bejgh ta' mobbli li sar*

*mill-konvenuta waqt il-proceduri tas-separazzjoni, liema mobbli kienu jezistu fid-dar matrimonjali meta l-attur telaq .*

*Ghaldaqstant, sabiex il-komunjoni tal-akkwisti tigi xolta, l-esponenti umilment jirrileva illi:*

*i. Ghandha issir valutazzjoni tal-vetturi u l-Vettura tat-tip Kia Avella bin-numru ta' registrazzjoni LCC-278 tigi assenjata lill-attur waqt li l-Vettura tat-tip Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni EBG-985 ghandha tigi assenjata lill-konvenuta. fkaz li jkun hemm differenza fl-ammonti l-parti wahda ghandha tikkompensa l-parti l-ohra bid-differenza;*

*ii. Il-propjeta li tinsab 20 Triq l-Imrabat Sliema, titpogga fuq is-suq halli tinbiegh u wara li l-attur jircievi l-kreditu tal-Kommunjoni fl-ammont ta' €79,075, ir-rikavat jinqasam bejn il-partijiet.*

*iii. Il-propjeta' li tinsab 28 Sqaq 1, Triq San Gorg Rabat Ghawdex ghandha titpogga fuq is-suq, sabiex tinbiegh u r-rikavat jinqasam bejn iz-zewg partijiet;*

*iv. u l-Garaxx bl-isem 'Joe Garage,' Triq Kent Fgura jitpogga fuq is-suq sabiex jinbiegh u jinqasam ir-rikavat ugwalment bejn il-partijiet.*

*v. Kull parti izomm il-kont bankarju li hemm f'isimha;*

*vi. Jigu stmati il-mobbili parafernali li skond l-elenku pprezentat kienu fid-dar matrimonjali inkluzi dawk li m'ghadhomx jezistu bl-ghajnuna ta' ritratti u l-konvenuta tirrifondi l-ammont tal-affarijiet / mobli li nbieghu waqt din il-procedura.*

***8. Manteniment***

*Fir-rikors guramentat taghha l-konvenuta qed titlob li l-attur jigi ikkundannat ihallas manteniment lill-minuri. Stante li dan il-minuri fil-mori tal-kawza sar maggiorenni u gie ppruvat li llum jahdem u jghix ghar-rasu l-esponenti mhiex ser tiehu konjizzjoni ghall-din it-talba.*

*Il-konvenuta titlob ukoll li l-attur jigi ikkundannat ihallas manteniment ghaliha. L-attur jghid li ma jsib ebda oggezzjoni li jekk din l-Onorabbli Qorti thoss li huwa xieraq u opportun fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz li huwa jkun obbligat jivversa ammont bhala manteniment ghal parti l-ohra.*

*Mill-provi jirrizulta li l-attur kien jghaddi is-somma ta €250 skond id-digriet tal-Qorti datat 24 ta' Jannar 2008. Gie ppruvat li l-manteniment li kien gie ordnat b' digriet tal-Qorti dejjem thallas direttament mir-ragel sallum.*
*Meta kkonsidrat il-provi kollha mressqa kif ukoll il-konkluzzjoni taghha fir-rigward tal-kontributorjeta' rispettiva tal-partijiet ghat-tkissir taz-zwieg qed jigi ikkonkludiet illi l-htija tat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet hi tat-tnejn b'mod ugwali, u ghalhekk kull parti iddekadiet mid-dritt taghha li titlob manteniment minghad il-parti l-ohra.*
*In oltre, l-konvenuta ssostni illi hija mhijiex kapaci tahdem minhabba li tbati minn ansjeta', pero ma pprezentat l-ebda prova sodisfacenti li kundizzjonijiet medici taghha ma jippermettulhiex li tahdem. Kull ma pprezentat kien dokument (anness mal-affidavit taghha) - Case Summary - mahrug mill-Isptar fi Frar 2007 u iehor mahrug mill-isptar ukoll fil-15 ta' Frar 2012.*
*Kif ritenut mill-Onorabbli Qorti ta' L-Appell:-'huwa l-obbligu taz-zewg partijiet li jahsbu ghall-manteniment, u peress illi l-mara kapaci u tista' tahdem..... ir-ragel m'ghandux jibqa' obbligat imantniha ghal snin twal.'*[58]
*Illi tenut kont illi tul il-proceduri l-attur baqa' jhallas manteniment ghall-martu skond d-digriet li nghata, l-konvenuta ghandha issa tibda tahseb li tmantni lilha nnifisha u l-attur m'ghandux jibqa' jigi obbligat jmantniha.*

***7/9 Access u manteniment ghall-minuri***
*Stante li l-minuri illum maggiorenni u it-tnejn jahdmu l-esponenti tal-fehma li dawn m'ghandux ghalfejn jittiehed konjizzjoni taghhom.*

***Konkluzjoni***
*Illi in vista tas-suespost, u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet kollha illi saru f'din ir-relazzjoni, l-esponeneti umilment tirrileva illi din l-Onorabbli Qorti ghandha:*
*Dwar it-talbiet ta' l-attur:*

[58] *Qorti tal-Appell, Miriam Cauchi pro et noe vs Francis Cauchi, 3 ta' Ottubru 2008.*

*i. Tilqa l-ewwel t-talba tal-attur ghas-separazzjoni fis-sens illi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan jahtu ugwalment iz-zewg partijiet;*
*ii. Tilqa it-tieni talba tal-attur u awtorizzah jghix separatament mill-konvenuta martu;*
*iii. Tilqa it-tielet talba tal-attur u tapplika l-Artikolu 48 u 51 fil-konfront taz-zewg partijiet;*
*iv. Tilqa ir-raba talba tal-attur u l-hames talba tal-konvenuta u dikjara xolta il-kommunjoni tal-akkwisti u taqsamha f'zewg porzjonijiet kif huwa indikat;*
*v. Tilqa is-sitt talba tal-konvenuta u l-hames talba tal-attur u tordna li l-konvenuta trodd lura lill-attur l-effetti parafernali kollha tieghu fi zmien stipulat;*
*vi. Tawtorizza l-attur jirregistra eventwalment is-sentenza moghtija fir-Registru Pubbliku.*

*Dwar it-talbiet tal-konvenuta:*
*vii. Tilqa l-ewwel t-talba tal-konvenuta ghas-separazzjoni fis-sens illi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan jahtu ugwalment iz-zewg partijiet;*
*viii. Ma tiehux konjizzjoni tat-tieni, it-tielet u r-raba talba tal-konvenuta.*
*ix. Tilqa l-hames talba tal-konvenuta u dikjara xolta il-kommunjoni tal-akkwisti u taqsamha f'zewg porzjonijiet kif huwa indikat.*
*x. Tichad is-seba' talba tal-konvenuta.*

*Kull parti thallas l-ispejjez taghha.*

*Tant ghandha l-unur x'tissottometti l-esponenti ghas-savju gudizzju u superjuri ta' din l-Onorabbli Qorti."*

Rat id-domandi tal-partijiet in eskussjoni tal-Perit Legali[59]; Rat ir-risposti tal-Perit Legali debitament maħlufa[60];

---

[59] Domandi tal-attur fol. 90 tal-proċess innumerat 268/10AL; Domandi tal-konvenuta fol. 95 tal-proċess innumerat 268/10AL;
[60] Fol. 1186;

Semgħet it-trattazzjoni[61] tal-abbli difensuri tal-partijiet fejn huwa elenkaw dawk il-punti li m'humiex jaqblu magħhom mir-rapport redatt mill-Perit Legali;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

## KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI

Il-Qorti tirrileva illi l-abbli Perit Legali ħadet konsiderazzjoni profonda u akkurata tax-xiehda kollha miġjuba quddiemha, kif ukoll ta' dawk id-dokumenti esebiti direttament fl-atti tal-kawża. Illi l-Qorti għandha konvinċiment morali sħiħ li hija tista' sserraħ fuq il-konklużjonijiet peritali fid-deċiżjoni tagħha. Xorta waħda, il-Qorti ser tgħaddi biex tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha, tenut kont ukoll tad-domandi li l-partijiet għamlu in eskussjoni u n-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom.

### Dwar ir-Responsabilita tat-Tkissir taż-Żwieġ

Il-Qorti tirrileva illi taqbel mal-konklużjonijet milħuqa mill-abbli Perit Legali u cioe illi ż-żwieġ tkisser irrimedjabilment b'tortijiet ugwali taż-żewġ partijiet.

Min-naħa tal-konvenut A B, m'hemm l-ebda dubju illi filwaqt li kien jipprovdi finanzjarjament għall-familja, qatt ma ttenta jassisti lil martu fit-trobbija ta' kuljum ta' uliedhom. Ħalla r-responsabilita` kollha fuq spallitha inkluż it-tqassim tal-flus sabiex tlaħħaq mal-ispejjeż kollha, filwaqt li hu baqa' bil-liberta` kollha għaddej minn kors għall-ieħor għall-avvanz tal-karriera tiegħu. Fil-waqt illi bla dubju il-kunċett ta' *lifelong learning*, huwa pożittiv u rakkomandabbli, jidher illi s-sur B, esaġera billi ta' kull sena, mingħajr eċċezzjoni, kien jinvolvi ruħu f'iktar studju u eżamijiet. Il-Qorti tirrileva illi minkejja li l-mara tizzikah matul dawn il-proċeduri dwar in-numru eċċessiv ta' korsijiet li kien jieħu, u jekk verament kienx juża l-ħin tiegħu fuq l-istess

[61] Fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2018;

korsijiet, xorta waħda ma pproduċiex iċ-ċertifikati relattivi fl-atti ta' din il-kawża, sabiex il-Qorti jkollha s-serħan tal-moħħ illi tassew huwa kien qiegħed iqatta' ħinu fuq dawn il-korsijiet. Fil-ħin li huwa kien jiddedika għal dan l-istudju, ix-xogħol tal-familja waqa' kollu fuq il-mara.

Jirriżulta wkoll illi r-raġel għandu karattru pjuttost riżervat, xejn ħażin f'dan, għajr illi huwa kien għal kollox sieket minn ma' martu f'dak illi kien qiegħed idejqu fiż-żwieġ, biex b'hekk hi kien mingħaliha li kollox għaddej ward u żgħar, filwaqt illi huwa kien għaddej b'terremot ta' emozzjonijiet li lilha qatt ma wrieha. Seta kien il-każ li kieku tkellem dwar il-lanjanzi tiegħu qabel, huma setgħu jindirizzawhom bħala koppja, u jsalvaw iż-żwieġ. B'hekk meta ġurnata fost l-oħrajn huwa ma felaħx iżjed u telaq mid-dar ħabta u sabta, lill-mara ħalliha tassew sorpriża għaliex ma kinitx qiegħda tistenna dan. Huwa tkellem meta, min-naħa tiegħu kien ħa d-deċiżjoni li sejjer jitlaq definittivament, li kienet għalih *a point of no return*, u t-tentattivi ta' xi ħbieb sabiex jirrikonċiljawhom sfumaw fix-xejn.

L-attriċi m'hijiex mingħajr ħtija fit-tkissir ta' dan iż-żwieġ. Hija tipprova tpinġi lilha nnifisha bħala vittma tal-aġir ta' żewġha, iżda kif tista' tikkonstata l-Qorti, bħala mara m'hijiex dgħajfa iżda assertiva ferm u mhux it-tip ta' mara faċilment vittimizzata. Il-Qorti tapprezza l-uġigħ li kien jgħaddi minnu r-raġel meta kien ġie reż daqs ATM, magna li tużaha sempliċiment biex tiżbanka l-flus; meta sab ruħu suppost sħab fiż-żwieġ ma' mara li trid tgħaddi dejjem tagħha. Inoltre jidher illi l-mara wkoll kienet toħroġ ma' sħabha regolarment, saħansitra tmur tqatta' tmiem-il ġimgħa Għawdex, filwaqt illi r-raġel kien jibqa' d-dar mal-ulied. Il-kontroll finanzjarju tal-mara kien ukoll element ta' dieqa kbira għar-raġel, fejn kien kostrett jaċċetta ftit ċenteżmi (50ċ) ta' kuljum mingħand martu, kemm ikollu biżżejjed biex jaqbad tal-linja.

Huwa evidenti illi l-partijiet kellhom diversi ħtiġijiet illi ma kienux qegħdin isibu f'xulxin. Mhux inqas fil-ħajja intima, bil-mara tinsisti li żewġha ma kienx qiegħed ifittixha u r-raġel isostni li l-mara kienet torqod b'saqajha ma wiċċu sabiex ma jfittixhiex.

Rigward l-adulterju, li l-mara tatribwixxi lil żewġha, il-Qorti tinnota illi kull darba illi xehdet, kull rikors li ġie ntavolat, kull okkażjoni li kellha, il-mara insistiet illi ż-żwieġ tal-partijiet falla stante illi żewġha kellu relazzjoni ma' mara oħra, ċerta G u li pprefera lil din Rosette u lil uliedha, milli lill-istess uliedu. Minkejja din l-insistenza kontinwa, il-provi rigward l-adulterju huma mill-iktar skarsi. Huwa minnu li l-Qorti tista' tasal għall-konklużjoni li parti fiż-żwieġ wettqet adulterju fuq indizji, imma l-istess indizji jridu jkun serji, tant li fil-moħħ tal-ġudikant joħolqu ċ-ċertezza morali.

Fil-każ odjern, m'hemm l-ebda prova li tindika li l-ħbiberija li kellu r-raġel ma' din l-istess Rosette kienet il-kawża għat-tkissir taż-żwieġ tal-partijiet. Il-konvenut kien ilu mdejjaq fiż-żwieġ minkejja li ma kien jgħid xejn. Għalkemm ma jistax jingħad li kienet il-ħbiberija tal-konvenut ma' Rosette li kissret iż-żwieġ tal-partijiet, fil-fehma tal-Qorti, wara t-tluq tal-konvenut mid-dar matrimonjali, dawn it-tnejn kienu qegħdin f'relazzjoni flimkien għaliex kienu jidhru flimkien pubblikament f'diversi okkażjonijiet, anke għal *weekend break* f'lukanda. Inoltre, huma jiltqagħu kważi kuljum għal ċirka siegħa/sagħtejn. Relazzjoni bħal din, ma tistax titiqies sempliċiment bħala ħbiberija, u jekk dan l-aġir m'huwiex tali li jwassal lill-Qorti li tikkonkludi li l-adulterju kien il-kawża tat-tifrik taż-żwieġ, ċertament kien aġir sevizzjuz fil-konfront tal-mara.

B'hekk, il-Qorti tikkonferma l-konklużjoni tal-Perit Legali fejn intqal illi t-tkissir taż-żwieġ huwa imputabbli liż-żewġ partijiet indaqs. Il-ħajja konjugali tal-partijiet ġiet reża impossibbli minħabba l-inkompatibilita` tal-karattri taż-żewġ partijiet. Ma' dan il-Qorti żżid illi kull parti hija ħatja ta' moħqrija (sevizzi) fil-konfront tal-parti l-oħra.

**<u>Dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, inkluż il-manteniment pagabbli lill-attriċi</u>**

F'dan l-aspett, il-Qorti dejjem tagħmel distinzjoni bejn it-tortijiet tat-tkissir taż-żwieġ. Meta t-tort ikun wieħed komminat fl-

Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax id-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 et seq. Dana b'differenza mill-każ meta l-firda personali tkun motivata mill-abbandun u/jew mill-adulterju, stante li dawn iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi mandatorji u li jridu jiġu applikati dejjem mill-Qorti fil-konfront tal-ħatja, ai termini tal-istess Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

Dwar l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu, il-Perit Legali kkontradixxiet ruħha meta fil-paġna 25 tar-rapport tgħid: *"Stante li t-tkisser kien imputabbli liż-żewġ kontendenti, l-esponenti tħoss li l-Artikolu 48 u 51 m'għandhomx jiġu applikati."* Iktar tard, fil-paġni 29 u 30, hija tgħid *"Meta kkonsidrat il-provi kollha mressqa kif ukoll il-konklużjoni tagħha fir-rigward tal-kontributorjeta` rispettiva tal-partijiet għat-tkissir taż-żwieġ qed jiġi ikkonkludiet illi l-ħtija tat-tkissir taż-żwieġ tal-partijiet hi tat-tnejn b'mod ugwali, u għalhekk kull parti ddekadiet mid-dritt tagħha li titlob manteniment mingħand il-parti l-oħra."*

Fil-każ odjern, il-ħtijiet reċiproċi tal-partijiet huma s-sevizzi. Fil-fehma tal-Qorti, it-tortijiet tal-partijiet m'humiex abbastanza gravi illi jattiraw id-dekadenzi stabbiliti fl-Artikolu 48, għajr illi in vista tar-relazzjoni li l-konvenut daħal fiha sussegwenti għat-tluq tiegħu mid-dar matrimonjali, il-Qorti tiddikjara illi sejra tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dekadenza stipulata fl-Artikolu 48(1)(d) u cioe d-dritt tiegħu li jipperċepixxi manteniment mingħand martu. Illi b'hekk, il-Qorti ma taqbilx mal-Perit Legali illi kull parti ddekadiet mid-dritt tagħha illi titlob manteniment mingħand il-parti l-oħra, iżda huwa biss il-konvenut li ddekada mid-dritt tiegħu illi jitlob u/jew jipperċepixxi manteniment mingħand martu.

Rigward il-manteniment mitlub mir-rikorrenti, filwaqt illi l-Qorti tikkonferma illi l-attriċi ma tilfitx il-jedd li tirċievi manteniment

mingħand żewġha, hija tal-fehma, illi f'dan l-istadju, l-attriċi għandha l-potenzjal kollu li terġa' toħroġ taħdem sabiex iżżomm lilha nnifisha materjalment. Hija mara bieżla u m'għandha ebda diffikulta` jew impediment[62] sabiex tkompli taħdem u taqla' l-għixien tagħha bħal ħaddieħor. Inoltre`, ulied il-partijiet huma kbar u għalkemm xorta waħda jkollhom bżonn l-assistenza t'ommhom, ċertament l-istess assistenza li hija f'tagħtihom volontarjament, ma tistax timpediha milli tmur taħdem.

Madankollu, m'hemmx dubju illi l-potenzjal lavorattiv u lukrattiv tal-attriċi ġie ferm imnaqqas mid-deċiżjoni li kienu ħadu l-partijiet, illi għall-ġid tal-familja, il-mara tibqa' d-dar sabiex trabbi lill-ulied mill-aħjar. Preżentement, hija trid tibni karriera mill-ġdid, mentri l-konvenut baqa' dejjem jikber kemm fl-edukazzjoni tiegħu kif ukoll fil-karriera. Dan ma kienx iseħħ, jew ma kienx iseħħ daqstant, kieku l-mara ma ħaditx l-inkarigu tal-kura tal-familja unikament u esklussivament f'idejha. B'hekk, il-Qorti hija tal-fehma li jkun ġust li l-konvenut jikkontribwixxi manteniment lejn martu sabiex, magħdud mal-introjtu tagħha mill-impjieg tagħha, dina jkun jista' jkollha livell aħjar t'għixien, li jkun iqarreb aħjar il-livell t'għixien tal-konvenut. Illi l-Qorti m'hijiex ser tistabilixxi somma flus pagabbli mensilment lill-attriċi mingħand żewġha l-konvenut. Minflok, il-manteniment ser jingħata kif ser jingħad iktar 'il quddiem.

## Dwar il-manteniment tal-ulied

Fir-rikors promotur, intavolat mill-attriċi fit-2 ta' Settembru 2010, hija kienet talbet manteniment għal ulied il-partijiet - F li kellha wieħed u għoxrin sena iżda kienet baqgħet tistudja b'mod fiss u Damien li kien għadu minuri. Fil-mori tal-proċediment, Damien ukoll laħaq l-eta` ta' tmintax-il sena. L-attriċi tissottometti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha illi meta uliedhom laħqu l-eta`maġġorenni, il-konvenut ma baqax jgħaddi manteniment għalihom minkejja li kienu għadhom jistudjaw b'mod fiss – b'F illi baqgħet tistudja fl-Universita` ta' Malta b'mod fiss sal-eta` ta'

[62] L-ilmenti tal-attriċi li hija tbati minn xi kundizzjoni psikoloġika li timpediha taħdem, tirriżulta għal kollox infondata u mhux sodisfaċentement ippruvata;

tlieta u għoxrin sena, u Damien illi dam l-Mcast sal-eta` ta' dsatax-il sena.

Permezz tal-affidavit tagħha[63], F B D ikkonfermat illi hija kienet tattendi l-Universita` ta' Malta u li f'dak iż-żmien, hija qatt ma' rċeviet xi forma ta' għajnuna jew *pocket money* mingħand missierha, ħlief li ħallas l-internet għall-ewwel xahrejn.

Illi għalhekk, huwa minnu li l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi manteniment għal F mill-eta` ta' 21 sena sa 23 sena u għal Damien mill-eta` ta' tmintax-il sena sa dsatax-il sena.

Illi l-konvenut jissottometti li huwa qatt ma rċieva talba mingħand uliedu maġġorenni sabiex imantnihom. Iżda l-Qorti hija tal-fehma li ladarba f'dawn l-etajiet, minkejja li maġġorenni, l-ulied kienu għadhom jirrisjedu mal-omm illi kienet tipprovdi esklussivament għall-għixien tagħhom billi huma kienu qegħdin jistudjaw b'mod fiss, allura it-talba li temani mill-istess omm, hija kemm ġustifikata u kemm fondata fid-dritt, partikolarment fl-Artikolu 3B(2)(a) tal-Kodiċi Ċivili; Illi b'hekk il-Qorti qiegħda tistabilixxi is-somma ta' sebat'elef u mitejn Ewro (€7,200) bħala somma globali dovuta mill-konvenut lill-attriċi rappreżentati l-manteniment t'uliedhom F u Damien f'dan il-perjodu.

## Dwar il-komunjoni tal-akkwisti u l-ġid parafernali tal-partijiet

Illi l-konvenut irnexxielu jipprova illi huwa għandu kreditu parafernali ta' Lm33,824.18 illum ekwivalenti għal **€78,789.15**. Il-Qorti tirreferi għall-prospett minnu esebit[64] u ssib illi l-entrati kollha li jindikaw l-assi parafernali tiegħu ġew issostanzjati u kkorraborati mid-dokumenti oħra li esebixxa, bħalma huma l-kuntratti u ċ-ċedoli ta' depożitu u fidi taċ-ċens. Il-Qorti sabet ftit tad-diskrepanza f'ċertu ċedoli ta' depożitu, biex b'hekk aġġustat l-ammont li kien illikwidat mill-Perit Legali ta' €79,075.

---

[63] Fol. 950;

[64] Fol. 34;

Il-konvenut wiret mhux biss propjeta` iżda wkoll diversi antikitajiet fosthom pitturi, linef u għamara antika. Uħud mill-affarijiet l-oħra derivanti mill-wirt tal-konvenut, għadhom fid-dar matrimonjali fejn tirrisjedi l-attriċi, oħrajn fil-garaxx tal-partijiet fil-Fgura.

Il-konvenut jissottometti li l-attriċi approprjat ruħha minn oġġetti parafernali tiegħu li hija ħbiet jew iddisponiet minnhom (fosthom il-bureau) għall-valur ta' €53,000. Fost l-iktar affarijiet ta' valur kien hemm żewġ pitturi fini taż-żejt kbar, numru ta' inċiżjonijiet, kotba u affarijiet oħra antiki. L-attriċi tiċħad li hija ħadet dawn l-affarijiet u tistqarr li ma tafx x'sar minnhom. Hija tammetti, li fil-mori tal-proċeduri biegħet il-bureau antik li wiret il-konvenut, għaliex fil-fehma tagħha, dana wirtitu hi personalment mingħand omm il-konvenut talli ħadet ħsiebha fil-marda terminali tagħha. Kif tajjeb ikkonstatat il-Perit Legali, l-attriċi ma ġiebet ebda prova biex tissostanzja din l-allegazzjoni.

Il-Qorti m'għandhiex ebda ċertezza li dawn l-oġġetti approprjat ruħha minnhom l-attriċi, anke jekk huwa minnu li ma nstabux fl-eżekuzzjoni tal-mandat ta' deskrizzjoni. Huwa minnu li hija biegħet il-bureau, bil-pretensjoni li dana kien tagħha, iżda l-konvenut ukoll jistqarr li ħa xi affarijiet mid-dar ġja matrimonjali meta telaq, fosthom żewġ pitturi. Fin-nuqqas ta' provi konkreti dwar dan, il-Qorti ma tistax iżżomm lill-attriċi responsabbli għall-oġġetti neqsin, għajr għall-bureau li kkonfermat li kienet iddisponiet minnu hi. Il-konvenut jistma[65] dan il-bureau bil-valur ta' €18,000, valur illi l-attriċi ma tikkontestahx.

Dwar <u>il-vetturi</u>, il-Qorti rat illi l-vetturi rispettivi tal-partijiet huma piu o meno tal-istess daqs u tal-istess perjodu ta' manifattura[66]. B'hekk il-Qorti hija tal-fehma li dawn għandhom l-istess valur, jew jekk hemm xi differenza fil-valur, din hija differenza minima. B'hekk, filwaqt illi taqbel li kull parti għandha tiġi assenjata dik il-vettura li hija rreġistrata f'isimha, m'hijiex tal-fehma li f'dan l-istadju għandha ssir valutazzjoni tal-istess vetturi għaliex l-

---

[65] Fl-affidavit ulterjuri tiegħu, fol. 978;

[66] Fol. 901 u 902;

ispejjez għall-istess valutazzjoni jistgħu jeċċedu d-differenza fil-valur tal-vetturi.

Il-Qorti tqis għal kollox infondata u mhux ippruvata l-allegazzjoni tal-attriċi illi l-vettura tat-tip Fiat Punto ingħatat lilha b'donazzjoni minn missierha. B'hekk il-Qorti ser tordna li kull parti għandha tiġi assenjata l-vettura intestata f'isimha mingħajr ebda jedd ta' kumpens mill-parti l-oħra.

Inoltre`, il-Qorti tqis ukoll bħala infondata u mhux ippruvata, l-allegazzjoni tal-attriċi, illi missierha kien għaddielha b'donazzjoni mal-għoxrin elf Lira Maltija (Lm20,000).

Il-Qorti tirrileva illi fl-assenjazzjoni tagħha tal-komunjoni tal-akkwisti, il-Perit Legali naqset illi tassenja l-lokazzjoni tad-dar ġja matrimonjali. Din il-lokazzjoni nkisbet mill-partijiet matul iż-żwieġ tagħhom biex b'hekk tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u għandha tiġi assenjata lil xi ħadd mill-partijiet. Billi l-konvenut kien telaq minn jeddu mill-istess dar u qatt ma ressaq talba sabiex ikun hu li jerġa' jidħol jabita fiha, fil-fehma tal-Qorti, huwa kuntent li jgħix post'ieħor u ma jidhirx li għandu xi oġġezzjoni li martu titħalla tgħix hemmhekk[67]. Fuq kollox, huwa għandu residenza alternattiva li kiseb mill-wirt, filwaqt illi l-attriċi m'għandhiex post ieħor fejn tista' tabita.

Il-valur lokatizzju tal-fond ma ġiex stabbilit mill-provi miġbura u b'hekk huwa diffiċli sabiex il-Qorti tistabilixxi l-kumpens li għandha tħallas l-attriċi lill-konvenut għall-abitazzjoni tagħha fl-istess dar. Il-lokazzjoni tal-fond għandha tiġi assenjata lill-attriċi, li weħidha tħallas il-kera dovuta lill-Gvern. Hija tkun assenjata wkoll dak kollu li hemm fid-dar matrimonjali għajr l-oġġetti parafernali tal-konvenut. L-attriċi ma tikkumpensax lill-konvenut għal din l-assenjazzjoni. Il-kumpens altrimenti dovut lill-konvenut ser ikun ikkunsidrat mill-Qorti bħala l-kontribut tiegħu għall-għixien ta' martu, kif ġie elaborat iktar 'il quddiem, meta l-Qorti kkonsidrat il-manteniment dovut għall-attriċi.

---

[67] Anzi fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, jipproponi li għandha tkun martu li titħalla tgħix fil-fond;

Il-konvenut jilmenta illi huwa għamel diversi pagament fosthom ta’ self u ta’ kontijiet tad-dawl u l-ilma, liema pagamenti huwa jenfasizza li għamilhom minn flusu. Huwa risaput illi sal-preżenti, il-komunjoni tal-akkwisti għadha viġenti bejn il-partijiet. B’hekk, ladarba l-pagamenti saru mill-introjtu tal-konvenut mill-impjieg tiegħu, l-istess introjtu wkoll jifforma mill-komunjoni tal-akkwisti, bil-konsegwenza li għandek dejn tal-komunjoni li qiegħed jitħallas minn assi tal-komunjoni. Konsegwentement, il-konvenut m’għandux dritt ta’ xi rimbors għal dawn il-ħlasijiet li wettaq.

Mill-assjem tal-provi u ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, jirriżulta illi l-komunjoni tal-akkwisti tal-konjuġi B tikkomprendi s-segwenti:

1. Il-lokazzjoni tal-fond matrimonjali sitwat fi flat 188F, Flat 5, Triq Sant’Ursola, il-Belt Valletta, mikri lill-kontendenti mingħand il-Gvern ta’ Malta.

2. Għamara, appliances u mobili oħra li jinsabu fl-istess fond;

3. Il-fond bin-numru 20, Triq l-Imrabat, Tas-Sliema, li ġie stmat fit-12 ta' Gunju 2007 mill-Perit K. Borg li jiswa €151,409[68];

4. Il-fond bin-numru 28, Sqaq Numru 1, Triq San Ġorġ, ir-Rabat Għawdex li ġie stmat fit-12 ta' Ġunju 2007 mill-Perit K. Borg li jiswa €151,409[69];

5. Il-garaxx bl-isem 'Joe Garage,' Triq Kent, il-Fgura li fit-12 ta' Ġunju 2007 mill-Perit K. Borg li jiswa €26,788[70];

6. Il-vettura tat-tip Kia Avella bin-numru ta' reġistrazzjoni LCC-278 irreġistrata f’isem il-konvenut;

---

[68] Fol. 1057;
[69] Fol. 1057;
[70] Fol. 1059;

7. Il-vettura tat-tip Fiat Punto bin-numru ta' reġistrazzjoni EBG-985 irreġistrata f'isem l-attriċi;

8. Kreditu favur il-konvenut fis-somma ta’ €78,789.15, bl-imgħax legali li jiddekorri mid-data tal-preżenti sad-data tal-pagament effettiv;

9. Kreditu favur il-konvenut fis-somma ta’ €18,000, bl-imgħax legali li jiddekorri mid-data tal-preżenti sad-data tal-pagament effettiv;

10. Diversi kontijiet bankarji intestati f’isem iż-żewġ partijiet b’bilanċi iriżorji;

Bis-saħħa tal-preżenti, il-Qorti qiegħda xxolji l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum viġenti bejn il-partijiet konjuġi B u tassenjaha kif ġej:

Tassenja lill-attriċi:

1. Il-lokazzjoni tal-fond ġja matrimonjali sitwat fi flat 188F, Flat 5, Triq Sant’Ursola, il-Belt Valletta, mikri lill-kontendenti mingħand il-Gvern ta’ Malta; Mill-preżenti, il-fond ma jibqax jitiqies bħala d-dar matrimonjali u l-konvenut ma jkollu ebda pretensjoni ulterjuri fuqu;

2. Għamara, appliances u mobili oħra kollha li jinsabu fil-fond ġja matrimonjali, għajr għall-oġġetti kollha parafernali tal-konvenut;

3. Il-vettura tat-tip Fiat Punto bin-numru tar-reġistrazzjoni EBG-985;

4. Kwalsiasi kont bankarju, investiment jew polza t’assikurazzjoni intestati f’isimha;

Tassenja lill-konvenut:

1. Il-vettura tat-tip Kia Avella bin-numru tar-reġistrazzjoni LCC-278;

2. Kwalsiasi kont bankarju, investiment jew polza t'assikurazzjoni intestati f'ismu;

Il-postijiet 20, Triq l-Imrabat, Tas-Sliema, 28, Sqaq Numru 1, Triq San Ġorġ, ir-Rabat Għawdex u l-garaxx bl-isem 'Joe Garage,' Triq Kent, il-Fgura jinbiegħu fis-suq miftuħ. Mir-rikavat, fl-ewwel lok, il-konvenut jitħallas is-somom parafernali dovuti lilu ta' €18,000 u €78,789.15, kif ukoll l-imgħax legali li jiddekorri fuq l-istess somom, kif intqal. Il-bilanċ tar-rikavat jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet.

**<u>DEĊIDE</u>**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attriċi billi tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi ħtijiet ugwali ta' sevizzi fil-konfront ta' xulxin, kif ukoll minħabba inkompatibilita` ta' karattru;

2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba attriċi in vista li Damian Lee huwa llum maġġorenni;

3. Tilqa' t-tielet talba billi tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi, is-somma ta' sebat'elef u mitejn Ewro (€7,200), rappreżentanti manteniment għal ulied il-partijiet sakemm dawna temmew l-istudji tagħhom, bl-imgħax legali dekorribbli mill-preżenti sad-data tal-pagament effettiv;

4. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-raba’ talba attriċi;

5. Tilqa’ l-ħames talba attriċi b’dana illi tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum viġenti bejn il-partijiet konjuġi B;

6. Tilqa’ s-sitt talba attriċi billi tassenja l-komunjoni tal-akkwisti kif ġej:

   Tassenja lill-attriċi:

   a. Il-lokazzjoni tal-fond matrimonjali sitwat fi flat 188F, Flat 5, Triq Sant’Ursola, il-Belt Valletta, mikri lill-kontendenti mingħand il-Gvern ta’ Malta;

   b. Għamara, appliances u mobili oħra kollha li jinsabu fil-fond ġja matrimonjali, għajr għall-oġġetti kollha parafernali tal-konvenut;

   c. Il-vettura tat-tip Fiat Punto bin-numru tar-reġistrazzjoni EBG-985;

   d. Kwalsiasi kont bankarju, investiment jew polza t’assikurazzjoni intestati f’isimha;

   Tassenja lill-konvenut:

   a. Il-vettura tat-tip Kia Avella bin-numru tar-reġistrazzjoni LCC-278;

   b. Kwalsiasi kont bankarju, investiment jew polza t’assikurazzjoni intestati f’ismu;

Il-postijiet 20, Triq l-Imrabat, Tas-Sliema, 28, Sqaq Numru 1, Triq San Ġorġ, ir-Rabat Għawdex u l-garaxx bl-isem 'Joe Garage,' Triq Kent, il-Fgura jinbiegħu fis-suq miftuħ. Mir-rikavat, fl-ewwel lok, il-konvenut jitħallas is-somom parafernali dovuti lilu ta' €18,000 u €78,789.15, kif ukoll l-imgħax legali li jiddekorri fuq l-istess somom, kif intqal. Il-bilanċ tar-rikavat jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet.

7. Tilqa' s-seba' talba attriċi billi tiddikjara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-oġġetti parafernali tal-kontendenti u eskludiethom mill-komunjoni tal-akkwisti;

8. Tilqa' t-tmien talba attriċi limitatament billi tapplika fil-konfront tal-konvenuta l-effetti tal-Artikolu 48(1)(d) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Tilqa' d-disa' talba attriċi billi tiddikjara illi l-attriċi ma tilfitx il-jedd illi titlob u/jew tipperċepixxi manteniment mingħand il-konvenut; Illi l-Qorti m'hijiex ser tistabilixxi somma flus pagabbli mensilment lill-attriċi mingħand żewġha l-konvenut. Minflok, kif ġie elaborat iktar 'il quddiem f'din is-sentenza, l-attriċi ġiet assenjata il-lokazzjoni tal-fond ġja matrimonjali kif ukoll l-għamara, l-appliances u l-mobili l-oħra kollha ta' ġo fih (għajr għall-oġġetti parafenali tal-konvenut) mingħajr ebda obbligu ta' kumpens favur il-konvenut, illi altrimenti kien ikun dovut;

Bl-ispejjeż, inkluż tal-mandat ta' deskrizzjoni fl-ismijiet inversi, innumerat 91/14, jiġu sopportati mill-partijiet b'mod ugwali bejniethom.